l-aċċent

Ħarġa nru 9
April 2013

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

- Meta kelma tibdillek ħajtek 2
- Diffikultajiet ortografiċi fil-konjugazzjoni ta' xi verbi fil-Malti 5
- Bil-Kelma t-Tajba 7
- Għaliex niktbu **titfaċċa** u **titranġa** mhux ~~**tittfaċċa**~~ u ~~**tittranġa**~~? 8

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- *(Il)legali* u *(il)leċitu* — differenti jew l-istess? 10
- *Fiskali* u *ta' taxxa* 11
- Il-flora u l-fawna Mediterranja 12
- Kemm-il organu kapaċi ssemmi bil-Malti? 16
- Ġabra ta' termini mediċi popolari 19

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- De Soldanis: il-wirt lingwistiku u storiku li għaddielna 25
- Il-VTS tal-2012 u x'ħareġ minnha 29
- It-traduzzjoni awtomatika — għajnuna jew tfixkil? 33
- Dwar l-Arti tal-Poeżija: Aristotli bil-Malti 35

*Fil-mira ta'* l-aċċent *hemm primarjament (imma mhux biss) it-tradutturi, u allura wieħed jistenna li rivista bħal din tittratta kwistjonijiet terminoloġiċi li t-traduttur iħabbat wiċċu magħhom.*

*Naturalment,* ***il-qasam tat-terminoloġija*** *ma nonqsux milli nindirizzawh hawnhekk. Fit-tieni taqsima* ***Kelma b'kelma*** *inkludejna artiklu marbut mad-differenza fit-tifsira — u allura mad-differenza fit-traduzzjoni — ta'* illicit / illegal *miktub minn kollega fil-Qorti tal-Ġustizzja. Artiklu ieħor wasal mit-terminologu tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni, u jitkellem dwar kif nittraduċu t-termini* fiscal / taxation.

*Se ssibu artiklu dwar it-traduzzjoni ta' xi termini mediċi, fosthom dwar kif nirreferu għal partijiet mill-ġisem bil-Malti, miktub minn student tal-mediċina fl-Università ta' Malta. Se taqraw ukoll dwar termini marbuta mal-flora u l-fawna, ippubblikati fi ktieb interessanti ferm, u l-awtur tal-artiklu ħass li jrid jitfa' dawl fuq dan ix-xogħol li bosta minna jistgħu jużawh bħala referenza f'xogħolhom.*

*Minħabba li mhumiex biss it-termini li kultant iħabbtu lit-traduttur, imma anki* ***kwistjonijiet marbutin mal-ortografija****, fit-taqsima* ***Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta*** *din id-darba qed irressqu żewġ artikli li jiffukaw fuq l-ortografija. Wieħed mill-artikli nkiteb minn lettur tal-Malti fl-Università; l-ieħor inkiteb minn kollega fid-Dipartiment.*

*Ma' dawn se ssibu artiklu li, biżżejjed ngħidu, isemmi każ fejn l-għażla ta' kelma minflok oħra minn traduttur setgħet wasslet biex żewġ migranti jirbħu kawża kontra min ried jibgħathom lura pajjiżhom. Grazzi wkoll lill-Prof. Manwel Mifsud reġa' għandna kontribut mis-sensiela* Bil-Kelma t-Tajba.

*Ma tonqosx taqsima aktar ġenerali li titfa' dawl fuq* ***inizjattivi u proġetti, għaddejjin kemm f'Malta u kemm internament****, marbuta mal-iżvilupp ta' lsienna. Hija t-****tielet taqsima*** *u għammidnieha* ***Mill-għatba 'l barra.***

*Ma' din il-ħarġa qed jitqassam suppliment maħdum mit-terminologu tad-Dipartiment b'termini marbuta mad-dejta ġeospazjali, kif ukoll dawk marbuta man-navigazzjoni spazjali u dik bil-baħar.*

*Nirringrazzjaw lill-kittieba li għoġobhom jikkontribwixxu f'din il-pubblikazzjoni, kif ukoll lil kull min ta sehmu biex jerġa' jkollna ħarġa għanja oħra ta'* l-aċċent.

*Il-Bord Editorjali*

# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## Meta kelma tibdillek ħajtek

Jennifer De Barro

F'dan l-artiklu, fost l-oħrajn, se nerġa' nsemmi[1] l-problema li qed tfiġġ bit-traduzzjoni ta' ***shall*** u ta' ***should*** fit-traduzzjonijiet bil-Malti. Iżda, b'mod aktar wiesa', se nenfasizza kif imqar kelma ċkejkna, meta tradotta ħażin, kapaċi jkollha konsegwenzi kbar fuq ħajja ta' bniedem. Qed inkun drammatika? Lanqas xejn, u l-punt ta' dan l-artiklu hu proprju li nagħti prova ta' kemm traduzzjoni ħażina, anki f'każ ta' kelma waħda biss, taf twassal għal kwistjoni serja.

Nibda biex nitkellem dwar il-famużi espressjonijiet modali (***shall*** u ***should***), li min jaf l-għalliema tal-Ingliż kemm-il darba ppruvat tispjegalna d-differenza bejniethom meta konna l-iskola. Magħhom normalment kienet tegħreq ukoll, forsi ftit inqas, biex tfissrilna l-***can***, il-***may*** u l-***must***. Il-***can*** tużaha meta **tista'** tagħmel xi ħaġa, iżda anke l-***may***... Allura, erħilha tapprofitta minn dak l-istudent li f'nofs lezzjoni jkun jeħtieġlu jwarrab mill-klassi u li beżgħan li ma jmurx ikollu jistenna sa ħin il-brejk, jistaqsi "*Miss, **can** I go to the toilet?*" It-tweġiba *cliché* normalment kienet tkun xi ħaġa tat-tip: "*You **can**, but you **may** not!*". U filwaqt li l-istudent jirrealizza li, jaħasra, kieku staqsieha bil-Malti kien jevita li jaqla' ċinku, jibda jirraġuna li allura hemm differenza bejn it-tnejn: il-***can*** tużaha meta **tista'** tagħmel xi ħaġa għaliex għandek l-**abbiltà** li tagħmilha, filwaqt li l-***may*** tużaha f'każ li trid il-**permess** biex twettaq dik il-ħaġa. Il-***must***, minkejja li għandha użi differenti għax tista' tesprimi, fost l-oħrajn, ċertezza, neċessità u projbizzjoni  qatt ma ħolqitilna problemi kbar. Fil-Malti għandna l-verb awżiljarju **irid** (u l-varjazzjonijiet tiegħu skont il-ġens u l-għadd) li jaqdi l-funzjoni ta' ***must*** perfettament, eż. "iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi **irid** ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni"; "biex l-ilma jerġa' jintuża għall-biedja, dan **ma jridx** ikun ġie f'kuntatt ma' xi kimika". Madankollu, xi drabi donna nibqgħu inklinati lejn l-użu tal-formulazzjoni tas-semiverb **għandu**+verb, li sintattikament tqarreb aktar lejn il-binjiet ***have to***+verb jew ***should***+verb fl-Ingliż.

### Il-konsegwenzi tat-traduzzjoni fuq l-interpretazzjoni ta' liġi

Ejja niġu lura għall-element normattiv ***shall***, li partikolarment f'dokumenti ta' natura legali jimponi obbligu tal-ogħla livell, u għall-element ***should***, li jagħti ħjiel ta' dak li suppost jiġri. Ilna ħafna naqraw u nisimgħu dwarhom. Fi preżentazzjoni li l-ġuristi lingwisti taw lilna t-tradutturi tad-DĠT is-sena li għaddiet, dawn ikkonfermaw li kien hemm diversi każijiet mhux neċessarjament fejn jidħol il-Malti fejn it-traduzzjoni żbaljata ta' dawn iż-żewġ espressjonijiet f'liġi tat lok għal sitwazzjonijiet problematiċi u anke poġġiet f'dubju ċ-ċertezza legali tad-dokument(i) inkwistjoni. Minn studji li saru mill-Università ta' Amsterdam instab li, biex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rnexxielha tasal għad-deċiżjoni finali tagħha, fi 3 % mill-kawżi kollha li tressqu quddiemha bejn l-1960 u l-2010 (jiġifieri 246 kawża), kellha tqabbel diversi verżjonijiet tal-lingwi. F'170 kawża minnhom, il-Qorti sabet diskrepanzi fil-verżjonijiet tal-lingwi u fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn wasslu għal problemi kbar fl-interpretazzjoni tal-liġi tal-UE.[2] Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis bi prinċipju li l-interpretazzjoni uniformi tal-liġi tal-UE

[1] Din it-tema diġà ġiet trattata f'ħarġa oħra ta' din il-pubblikazzjoni. Ara l-artiklu *M'għandekx toqtol. Allura la toqtolx!* fl-ewwel paġna tal-ħarġa nru 7 ta' *l-aċċent*.

tirrikjedi li, kemm jista' jkun, isir paragun bejn il-verżjonijiet tal-lingwi billi l-verżjonijiet kollha huma awtentiċi b'mod ugwali u għaldaqstant dawn għandhom jingħataw l-istess piż fl-interpretazzjoni tal-liġi.[3]

**Il-każ taż-żewġ Bolivjani**

Xi drabi, il-Qorti qieset id-diskrepanzi bejn verżjoni u oħra tal-lingwi bħala żball fit-traduzzjoni. Eżempju ċar ta' dan huma l-kawżi magħquda C-261/08 u 348/08 "García u Cabrera" li ssemmew matul it-*Translation Forum: **DGT's quality costs vs the cost of poor quality:** An Analysis of DGT's Quality Efforts and the Consequences of Poor Quality in the Translation Process* li ġie organizzat fi Frar tal-2012. Il-kawżi kienu jinvolvu żewġ nazzjonali Bolivjani li kienu qegħdin fi Spanja illegalment. L-awtoritajiet kompetenti ordnaw li dawn jitkeċċew mill-pajjiż abbażi ta' waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

- jew li s-Sinjura García u s-Sinjur Cabrera ma kinux estendew il-permess tas-soġġorn jew il-permess tar-residenza tagħhom fil-pajjiż;
- jew li d-dokumenti msemmija hawn fuq ma kinux għadhom validi  billi kienu ilhom li skadew b'aktar minn tliet xhur  u ma ppruvaw jagħmlu xejn biex iġedduhom.

Apparti dan, il-piena kienet ukoll timpedilhom milli jidħlu fiż-żona Schengen għal perjodu ta' ħames snin. Din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata. Filwaqt li fil-verżjoni Spanjola tal-Artikolu kkunsidrat, jiġifieri l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 562/2006, id-dispożizzjoni kienet timponi **l-obbligu** li l-awtoritajiet kompetenti jkeċċu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru lil nazzjonali minn pajjiżi terzi (sakemm ma tiġix ikkonfutata s-suppożizzjoni li "d-detentur ma jissodisfax, jew ma għadux jissodisfa, il-kondizzjonijiet ta' tul ta' soġġorn applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat"), fil-verżjonijiet tal-lingwi kollha l-oħra din it-tkeċċija ma kinitx obbligatorja. Hawnhekk ukoll, id-diskrepanza bejn il-lingwi tirriżulta minn żball fit-traduzzjoni ta' dawk l-espressjonijiet modali li rajna fil-bidu. Dak li fil-verżjonijiet kollha ġie tradott f'livell permissibbli bl-użu ta' *may*, fil-verżjoni Spanjola ngħata valur ta' obbligu bl-użu ta' *shall*:

| | |
|---|---|
| **ES** | [...] el nacional del tercer país **<u>será</u> expulsado** por las autoridades competentes del territorio del Estado miembro de que se trate |
| **EN** | [...] the third-country national **<u>may</u> be expelled** by the competent authorities from the territory of the Member States concerned |
| **MT** | [...] iċ-ċittadin ta' pajjiż terz **<u>jista'</u> jiġi mkeċċi** mill-awtoritajiet kompetenti mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat |
| **FR** | [...] les autorités compétentes **<u>peuvent</u> expulser** le ressortissant du pays tiers du territoire de l'État membre concerné |

Xi ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE? Hija ddikjarat li l-ebda każ ma jista' jiġi deċiż abbażi ta' verżjoni ta' lingwa waħda, għax dan imur kontra l-prinċipju tagħha li tqis verżjonijiet ta' lingwi oħra. Fil-fatt ikkonkludiet li billi l-verżjoni Spanjola biss kienet differenti, l-intenzjoni proprja tal-leġiżlazzjoni ma kinitx dik li timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu tat-tkeċċija ta' dawn in-nazzjonali minn pajjiż terz iżda (biss) li lil dawn tagħtihom din **il-possibbiltà**. Minkejja li, wara din id-deċiżjoni, Spanja ma kinitx obbligata li tkeċċi lis-Sinjura García u lis-Sinjur Cabrera, l-awtoritajiet adottaw pożizzjoni rigoruża u, fl-aħħar mill-aħħar, xorta keċċewhom mit-territorju tal-Istat. Għandu mnejn kieku l-verżjoni Spanjola ma kinitx tinkludi dan l-iżball, fejn *may* ġiet

[2] L-istatistiki msemmija ġew irriċerkati minn C.J.W. Baaij. Għal aktar dettalji dwar l-analiżi li wettaq, ikkonsulta d-dokument imfassal mid-DĠT għat-*Translation Forum* li jissemma f'dan l-artiklu stess u li ssibu onlajn hawnhekk: http://www.cc.cec/DGT/multilingual/multilingualism/study/documents/cost-of-non-quality_internal_web.pdf

[3] Tagħrif meħud mill-istess dokument li saret referenza għalih fin-nota ta' qabel din.

tradotta daqslikieku kienet *shall*, kieku forsi l-awtoritajiet kienu jkunu inqas ħarxa magħhom imma, anki hawn, kieku u kien ma ltaqgħux flimkien!

**U issa eżempju minn traduzzjoni iktar viċin ir-realtà tagħna**

Ftit ilu, fir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti, iltqajt ma' din is-sentenza:

> "Għal dak il-għan, kull fejn jinstab fid-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-IMO, b'mod partikolari, il-verb **"should" (għandu)** għandu jiftiehem bħala **"shall" (għandu)**."

Din it-traduzzjoni, suppost, kellha tirrifletti dak li fl-Ingliż kien hekk:

> "To that end, where it occurs in the provisions of the IMO Guidelines, the verb **"should"** should, in particular, be understood as **"shall"**."

It-test bil-Franċiż, min-naħa l-oħra, kien jgħid:

> "À cet effet, dans les lignes directrices de l'OMI, il convient, en particulier, de comprendre l'usage du conditionnel **"devrait"** comme traduisant une **obligation juridique**."

Għalhekk, meta nqabblu dak li ried iwassal l-Ingliż (id-distinzjoni legali bejn *shall* u *should*) mat-traduzzjoni li saret fl-ilsna rumanzi u fil-Malti, ma ndumux wisq biex nidentifikaw fejn qiegħda l-konfużjoni:

| EN | MT | FR | IT | ES |
|---|---|---|---|---|
| should | għandu | devrait (conditionnel) | dovere (condizionale) | futuro legislativo |
| shall | għandu | = obligation juridique | = avente carattere vincolante | = carácter obligatorio |

Li ma kienx għall-verbi modali li tħallew bl-Ingliż qalb il-virgoletti b'għan ta' spjega, minflok jiddistingwi bejn it-tnejn u jitfa' dawl fuq kif għandhom jinftiehmu d-dispożizzjonijiet imsemmija (tal-inqas fil-verżjoni EN), it-test bil-Malti kien jirrendi traduzzjoni mhux fidila għall-oriġinal.



Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

Imma issa agħmel esperiment żgħir miegħi: immaġinak it-traduttur li kellu jittraduċi s-sentenza li semmejna hawn fuq għall-Malti. Inti kif kont taqlibhom *shall* u *should* f'din is-sitwazzjoni? Bħalma semmejt fil-bidu, kien hemm min din il-kwistjoni diġà trattaha fit-tul f'din ir-rivista stess u saħansitra offra soluzzjoni: nużaw **għandu** "biss bħala l-ekwivalenti ta' *should*, u l-imperfett indikattiv **[huwa, hija]** bħala l-ekwivalenti ta' *shall*"[4].

Jien tal-fehma li l-kwistjoni ta' kif nittraduċu *shall* fil-Malti jeħtiġilna niddiskutuha bis-serjetà u naslu għal konklużjoni stabbilita. Imma, aktar minn hekk, il-motivazzjoni li wasslitni naqsam magħkom il-każ taż-żewġ Bolivjani kienet li, permezz tiegħu, nikkonfermaw ir-responsabbiltà li nġorru f'xogħolna. Traduzzjoni żbaljata, imqar ta' kelma jew tnejn, jaf ikollha konsegwenzi serji mhux biss fuq l-immaġni tal-istituzzjonijiet tal-UE imma saħansitra, f'xi każijiet, fuq il-ħajja tan-nies.

*Jennifer De Barro hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

[4] Ara n-nota nru 1.

**Diffikultajiet ortografiċi fil-konjugazzjoni ta' xi verbi fil-Malti**
Mark Amaira

F'dan l-artiklu qed nittratta l-konjugazzjoni ta' xi verbi li, minkejja l-pubblikazzjonijiet li jindirizzawhom, għadhom jagħtu problemi lil uħud minna.

**Xi forom tal-verbi, fuq fuq:**

Dawk tal-1[el] forma huma l-ewlenin u għandhom din l-għamla: **KvKvK**, eż. *rebaħ, seraq, kiser, lagħab,* u *seta'*. Din il-forma tixbah lis-7[a'] forma, fir-relazzjoni ta' attiv-passiv, li għandha din l-għamla: n**KvKvK** eż. [i]*nkiser*, jew nt**KvKvK** eż. [i]*ntrebaħ*, jew n**K**tv**KvK** eż. [i]*nsteraq*.

L-għamla tal-verbi tat-2[ni] forma tixbah lil tal-1[el] forma. Din tirdoppja t-tieni konsonanti tal-għerq: **KvK2vK** eż. *rebbaħ* u *kisser*, u fir-relazzjoni attiv-passiv tirrelata mal-5[es] forma: t**KvK2vK**, eż. hu *trebbaħ* u *tkisser*.

**It-3[et] forma**

Meta *l-aċċent* talab lil xi tradutturi biex isemmu liema huma l-verbi li l-aktar ifixkluhom meta jiġu biex jikkonjugawhom, l-aktar verbi li ssemmew kienu dawk tat-3[et] forma. Qed nitkellmu fuq verbi bħal *biegħed, fiehem, qiegħed, tiegħem, ġiegħel*.

Il-kelma *qiegħed* li qed nirreferi għaliha hawn mhix il-parteċipju attiv b'funzjoni verbali fis-sens ta' *jinsab*, eż. "Mark qiegħed id-dar", iżda huwa l-verb tranżittiv fis-sens ta' *poġġa, xeħet* u l-bqija; eż. "Mark qiegħed il-ktieb f'postu".

Il-mudelli ewlenin huma ***bierek*** u ***ħares***. Allura niktbu *begħedt* fuq il-mudell *berikt* (u mhux ~~*bgħedt*~~ fuq il-mudell tal-ewwel forma *sraqt*). Bl-istess mod nikteb *fehemt, qegħedt* u *ġegħelt*.

Innota li fit-tielet persuna fil-passat tal-verbi tat-tielet forma toħroġ fid-dieher l-ie, jiġifieri *bierek—bierket—bierku*. Allura niktbu *biegħed—biegħdet—biegħdu*. Innota wkoll li meta dawn it-tlieta nikkonjugawhom fin-negattiv l-ie tiqsar u ssir i jew e, peress li l-aċċent jimxi fuq sillaba oħra. Niktbu *ma fehmitx* u *ma begħditx* fuq il-mudell ***ma berkitx***. (Huwa biss permezz tal-kuntest li tista' tiddistingwi bejn il-verb *fehmitx* li ġej minn *fiehem* u *fehmitx* li ġej minn *fehem*.)

Innota li fit-tielet persuna passat tal-verbi tat-tielet forma, l-ie tiqsar (u ssir i jew e) anke meta jinhemeż il-pronom.

Niktbu *bierek—berikha—ma berikhiex*, mela niktbu *biegħed—begħedha—ma begħedhiex*.

**L-1[el] forma**

Semmejt il-mudell **seraq** għall-verbi tal-ewwel forma. U miegħu nżid **rebaħ** u **kiser** biex ngħaqqad it-tliet mudelli li jintużaw skont il-pożizzjoni tal-għ fl-għerq.

♦ Meta jkollna *għ* fil-bidu, bħal fil-verbi *għeleb* u *għereq*, nużaw **rebaħ**.

Niktbu: *għafas* fuq il-mudell *rebaħ*
*agħfas* fuq il-mudell *irbaħ*
*jagħfas* fuq il-mudell *jirbaħ*

Aħna ~~*nghelbu*~~ jew aħna *negħlbu*?
Aħna *negħlbu* għax aħna *nirbħu*.

♦ Meta jkollna *għ* fin-nofs, bħal fil-verbi *bagħat* u *lagħab*, nużaw **seraq**.

Niktbu:
aħna ni*bagħtu, nilagħbu* fuq il-mudell ***nisirqu***
hija *tibgħat*, tilgħab fuq il-mudell ***tisraq***
jiena *bgħatt*, lgħabt fuq il-mudell ***sraqt***

♦ Meta jkollna *għ* fl-aħħar, li meta ma tinstemax tinkiteb b'appostrofu, nużaw ***kiser***.

Niktbu: *stajt* fuq il-mudell ***ksirt***
*nistgħu* fuq il-mudell ***niksru***

Innota li fl-aħħar paragun l-*għ* issir *j*. Innota wkoll li fil-Malti jeżistu varjanti bl-istess tifsira bħal *żeba'* u *żebagħ*.

Fil-konjugazzjoni tal-ewwel varjant, l-*għ* issir *j*.
Niktbu: *niżba'—żbajt*,
fuq il-mudell: *nista'—stajt* (tal-mamma seta').

Fil-konjugazzjoni tat-tieni varjant, l-*għ* tibqa': *niżbogħ—żbagħt* (li titlissen dejjem bil-/*ħ*/).

**L-1[el] forma — dgħajfin u neqsin**

Meta nsemmi l-verbi tal-ewwel forma ma nistax inħalli barra l-verbi dgħajfin neqsin, jiġifieri dawk li fl-għerq tagħhom - eżattament f'nofsu - ikollhom *j* jew *w*, filwaqt li fuq naħa jew oħra tal-għerq jinzerta jkollhom *għ*. Ngħidu aħna, *għam* jew *biegħ*.

Dawn il-verbi nibnuhom fuq il-mudelli ***ried*** jew ***ħiet***.

Meta niktbu *ħiet* jew *ħietet* tfeġġ l-ie, allura niktbu *biegħ* u *biegħet*, filwaqt li meta jkollna *i* fil-mudell niktbu *i* fil-verb li rridu nikkonjugaw:

| l-imperfett | il-perfett |
|---|---|
| jiena *nħit* > *nbigħ* | jiena *ħitt* > *begħt* |
| inti *tħit* > *tbigħ* | inti *ħitt* > *begħt* |
| huwa *jħit* > *jbigħ* | hija *ħietet* > *biegħet* |
| aħna *nħitu* > *nbigħu* | aħna *ħitna* > *begħna* |
| huma *jħitu* > *jbigħu* | huma *ħietu* > *biegħu* |

L-istess nagħmlu fl-imperattiv:
*ħit*>*ħitu* u *bigħ*>*bigħu*.

**L-1[el] forma — irregolari**

Hawn irrid insemmi wkoll id-diffikultà li joħolqulna l-verbi irrregolari tal-1[el] forma meta jinzertaw fin-negattiv.

Filwaqt li niktbu: *ħa—ma ħax, kiel—ma kielx*, xi drabi l-*ie* tiqsar għax l-aċċent jimxi fuq sillaba oħra.

Allura niktbu: *jieħu—ma jiħux*
*jieklu—ma jiklux*

Dan iseħħ anke fil-każ tal-pronom mehmuż:
*jiekol—jikolha—ma jikolhiex*
*jieħu—jeħodha—ma jeħodhiex.*

Il-vokali tiqsar għax jimxi l-aċċent fuq is-sillaba tan-nofs u terġa' tfeġġ fl-aħħar eżempju fin-negattiv.

**It-2[ni] forma**

Minkejja li ħafna drabi d-distinzjoni bejn il-verbi tal-1[el] forma bħal kiser u dawk tat-2[ni] forma bħal kisser hija ċara, xi drabi joħorġu pari li joħolqulna diffikultà fil-kitba.

Ngħidu aħna, xi wħud jitfixklu bejn il-verb intranżittiv tal-1[el] forma *għeja* u l-verb tranżittiv tat-2[ni] forma *għejja*.

B'dan l-eżempju d-differenza toħroġ ċara mill-ewwel:
- Mark *għeja* u *raqad* (fuq il-mudell ***mexa***)
- Mark *għejja* lil ommu jistaqsiha meta se *jiekol* (fuq il-mudell ***mexxa***)

It-tieni eżempju, jiġifieri l-verb tat-tieni forma dejjem b'xi mod jew ieħor ikollu bżonn oġġett fis-sentenza, f'dan il-każ "ommu".

Nafu li meta mal-verb jinhemeż il-pronom dirett, l-a ssir ie.

Ngħidu aħna: għejja+lili = għejjieni
għejja+lilha = għejjieha

Dik l-ie tiqsar (issir i jew e) inkella timxi meta dan il-verb bil-pronom mehmuż jintuża fin-negattiv: ma għejjinix*
ma għejjiekx
ma għejjiehx
ma għejjihiex
ma għejjiniex
ma għejjikomx
ma għejjihomx

*Hawnhekk, l-aċċent mexa fuq l-aħħar sillaba u l-ie tiqsar.

### Is-6$^{tt}$ forma

L-għamla tal-verbi tat-tielet forma tixbah lil dik tal-verbi tas-sitt forma:

hu ***bierek***—hu ***tbierek***

u allura *tqiegħed* jew *tbiegħed* nikkonjugahom fuq dawn il-mudelli:

hu ***tbierek*** — hu ***tħares***

fis-sens ta' *ġie mbierek* u *ġie mħares*.

### Is-7$^{a'}$ forma

Min-naħa l-oħra l-verbi tal-ewwel forma ħafna drabi jaħdmu id f'id mal-verbi tas-seba' forma:

hu ***rikeb*** — hu *ntrikeb*
hu ***seraq*** — hu *nsteraq*
hu ***kiser*** — hu *nkiser*

Dawn jistgħu jservu ta' mudelli għal verbi bħal:

$^{i}$*ntgħażel* fuq $^{i}$*ntrikeb*
$^{i}$*nxtegħel* fuq $^{i}$*nsteraq*
$^{i}$*ntlaqa'* fuq $^{i}$*nkiser*

### Is-7$^{a'}$ forma—dgħajfin u neqsin

Fil-każ tal-verb *biegħ* (dgħajjef u nieqes tal-1$^{el}$ forma) użajna l-mudell ***ħiet***. Għall-verb tas-7$^{a'}$ forma *nbiegħ*, se nużaw il-verb tas-7$^{a'}$ forma ***nħiet***.

Fl-Imperfett niktbu:

hu *jinħiet* > *jinbiegħ*
aħna *ninħietu* > *ninbiegħu*
huma *nħietu* > *nbiegħu*

Imma fil-Perfett niktbu: jiena *nħitt* > *nbegħt*.

F'dan l-artiklu trattajna dawk il-verbi li indikajtulna. Iktbulna dwar diffikultajiet oħra li tiltaqgħu magħhom biex nippruvaw nittrattawhom f'artiklu ieħor.

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

### Bil-Kelma t-Tajba
Prof. Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Naz-zjonali tal-Ilsien Malti**

**Mistoqsija:** Wara l-kelmiet *kull* u *ebda* għandi nuża nom fis-singular jew fil-plural?

**Tweġiba**: Kull u ebda (jew l-ebda) jieħdu warajhom nom fis-singular biss.

**SPJEGA**:

Din kwistjoni tas-sintassi, jiġifieri ta' kif jindamm flimkien il-kliem, u kull lingwa għandha s-sintassi tagħha.

Fil-Malti, **kull** u **ebda** jieħdu warajhom nom fis-singular biss. Min qed juża nom fil-plural warajhom aktarx qed jimxi fuq il-kelmiet Ingliżi ***any***, ***all*** u ***no***, li kollha jistgħu jiddeterminaw nom fis-singular jew fil-plural.

Eż. **kull effett** (u mhux ~~**kull effetti**~~) **li kellu**, **kull wegħda** (mhux ~~**kull wegħdiet**~~) li għamiltli;

**l-ebda ħaddiem ma jista' jfalli** (u mhux ~~**l-ebda ħaddiema ma jistgħu jfallu**~~);

**ma għamilli l-ebda kondizzjoni** (u mhux ~~**l-ebda kondizzjonijiet**~~).

*Ħajr lill-Prof. Manwel Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet*

**Stedina għall-kontributi**

Kull min jixtieq jirreaġixxi għal xi artiklu li jidher f'din ir-rivista jew iqajjem suġġett li għadu ma ġiex ittrattat, jista' jikteb email lill-Bord Editorjali f'dan l-indirizz: l-accent@ec.europa.eu. Din il-pubblikazzjoni tiddependi fuq il-kontributi tagħkom.

**Għaliex niktbu titfaċċa u titranġa mhux ~~tittfaċċa~~ u ~~tittranġa~~?**
Dr Michael Spagnol

K*iteb* u *ttajpja*, *wieġeb* u *rrisponda*, *niżżel* u *ddawnlowdja*. Il-verbi tal-Malti jista' jkollhom ħafna għamliet differenti. Minkejja din il-varjetà, il-verbi tal-Malti nistgħu niġbru-hom f'żewġ gruppi ewlenin. Għandna:

- verbi bħal *kiteb* li jaħdmu b'għerq ta' tliet konsonanti jew erbgħa u bil-forom verbali. Bħal *kiteb* għandna *ħasel* tal-ewwel forma, *kisser* tat-tieni forma, $^{i}$*nfetaħ* tas-seba' forma, *sbieħ* tad-disa' forma, *tfarfar* tat-tieni forma kwadrilittera;
- verbi bħal $^{i}$*ttajpja* li ma jaħdmux bil-forom iżda jieħdu suffiss verbali (-*ja*, -*ifika*, -*izza*, -*a*) u ħafna drabi jkollhom konsonanti doppja fil-bidu. Bħal $^{i}$*ttajpja*, għandna *pparkja*, $^{i}$*vverifika*, *organizza*, $^{i}$*ppretenda*.

Verbi bħal *kiteb* insejħulhom **verbi introflessivi** u verbi bħal $^{i}$*ttajpja* nsejħulhom **verbi konkatenattivi**.

Il-verbi introflessivi ġeneralment ikunu ta' nisel Semitiku waqt li l-verbi konkatenattivi ġeneralment ikunu ta' nisel Rumanz jew Ingliż. Iżda hemm xi verbi bħal $^{i}$*żżejtna* (eż. *xagħri jiżżejtnali*, isir żejtni, jitgħakkar biż-żejt) u $^{i}$*xxadinja* (jitbellah, jikkummiedja) li, għalkemm huma ġejjin mill-Għarbi, fil-Malti nsawruhom bil-morfoloġija konkatenattiva, jiġifieri nirduppjawlhom il-konsonanti tal-bidu u nehmżulhom suffiss verbali ($^{i}$*żżejtn-a*, $^{i}$*xxadin-ja*).

Bl-istess mod, għandna għadd ġmielu ta' verbi ta' nisel Rumanz jew Ingliż li qagħdu għall-morfoloġija introflessiva tal-Malti. Għandi f'moħħi verbi bħal *pitter*, verb tat-tieni forma mill-Isqalli *pitturi*; *bata*, verb tat-tielet forma mill-Isqalli *patiri*; *tawwat*, verb tat-tieni forma mill-Ingliż *to toot*; *trieġa*, verb tas-sitt forma mit-Taljan *reggere*; $^{i}$*ntuża*, verb tas-seba' forma mit-Taljan *usare*, u l-bqija.

Dawn huma lkoll każi interessanti tat-taħlit lingwistiku li nsibu fil-Malti. Minn kelma missellfa nisiltu l-konsonanti tal-għerq, eż. PTR minn *pitturi* jew BTJ minn *patiri*, u mbagħad inqegħduhom fil-forom verbali u nominali tal-Malti biex insawru kliem bħal *pitter*, *tpitter*, $^{i}$*mpitter*; *bata* u *tbatija*.

Il-verb *tfaċċa* u l-verb *tranġa* huma tnejn minn dawn il-verbi ta' nisel mhux Semitiku li qagħdu għall-morfoloġija introflessiva tal-Malti għax jaħdmu bis-sistema tal-għerq u tal-forom verbali. L-ewwel wieħed fil-fatt ġej mit-Taljan *affacciare*. Minn din il-forma slitna l-għerq dgħajjef FĊJ u żewwiġnieh mal-ħames forma, dik li ttina forom analogi bħal *tnessa*, *tħalla*, *therra*, *twikka*, u l-bqija. Peress li t-t fuq quddiem hija l-prefiss tal-ħames forma (*t-ħalla*, *t-herra*), ma nirduppjawhiex, hekk kif ma nirduppjawx it-t ta' *tħalla* (niktbu ***titħalla*** mhux ~~*titthalla*~~) jew ta' *therra* (***titherra*** mhux ~~*tittherra*~~). Huwa għalhekk li niktbu ***titfaċċa*** b't waħda.

Is-sabiħa hi li mill-verb Taljan *affacciare* fil-Malti noħorġu żewġ tipi ta' verbi. Noħorġu l-verb introflessiv *tfaċċa* (minn FĊJ u l-ħames forma) bit-tifsira ta' 'deher, ħareġ, nibet mix-xejn', u l-verb konkatenattiv *affaċċja* jew $^{i}$*ffaċċja* (*affaċċ-ja*, $^{i}$*ffaċċ-ja*) bit-tifsira ta' 'għamel il-wiċċ ma' xi ħadd, affronta xi ħaġa'.

Għandna diversi minn dawn il-verbi li daħlu fil-Malti doppjament, darba bħala verb introflessiv u darba oħra bħala verb konkatenattiv. Fosthom nistgħu nsemmu l-verb *mannas* tat-tieni forma u l-verb konkatenattiv $^{i}$*mmansa* mit-Taljan *ammansare* u *ammansire*; il-verb kwadrilitteru *tnerveż* u l-verb konkatenattiv $^{i}$*nnervja* mit-Taljan *innervosire*; kif ukoll il-verb *pitter* tat-tieni forma u l-verb konkatenattiv $^{i}$*ppittra*.

Ħafna drabi, bejn iż-żewġ forom, ikun hemm xi differenzi fit-tifsir (ngħidu aħna, pitter 'pinġa' u ppittra 'għamel ħafna rtokk') jew fl-imġiba sintattika (eż. [i]nnervja jintuża kemm b'mod tranżittiv — *taf kif innervjani* — u kemm b'mod intranżittiv — *jinnervja għal kull ħaġa ta' xejn* — imma tnerveż jintuża b'mod intranżittiv biss — *saret titnerveż ħafna*).

Mal-koppji ta' verbi introflessivi u konkatenattivi ġejjin mill-istess għajn hemm ukoll tranġa u rranġa. Mill-verb Taljan arrangiare:

(a) noħorġu l-verb konkatenattiv *[i]rranġa*, li jissawwar bl-irduppjar tal-ewwel konsonanti u biż-żieda tas-suffiss verbali -a;
(b) nisiltu l-għerq kwadrilitteru dgħajjef RNĠJ u nqegħduh fit-tieni forma kwadrilittera, l-istess forma li ttina verbi bħal *tpinġa* (minn PNĠJ), *tkanta* (minn KNTJ), *tgawda* (minn GWDJ), *tlesta* (minn LSTJ), u l-bqija.

Bl-istess argument ta' *tfaċċa*, la t-t hija l-prefiss tat-tieni forma kwadrilittera (*t-pinġa*, *t-kanta*, *t-lesta*), mela ma nirduppjawhiex. Niktbu ***ti-tranġa***, bħal ***titpinġa*** u ***titkanta***.

**Għall-kurżità, x'inhi d-differenza bejn *tranġa* u *rranġa*?**

Hemm differenza sintattika ewlenija bejn dawn iż-żewġ verbi: *[i]rranġa* jintuża kemm b'mod tranżittiv (il-mekkanik *irranġa* l-karozza) u kemm b'mod intranżittiv (bil-mod il-mod qed *jirranġa*), iżda tranġa jintuża b'mod intranżittiv biss (dil-frażi hemm bżonn *titranġa*).

**U oħra tal-aħħar. Għalfejn għandna żewġ forom intranżittivi?**

Fil-qosor, it-tweġiba hi li *rranġa* (l-intranżittiv) għandu użu **inkoattiv**, i.e. jesprimi bidla fl-istat – jekk xi ħaġa jew xi ħadd jirranġa, ikun qed jitjieb, juri bidla fl-istat jew fil-qagħda tiegħu għall-aħjar, mentri tranġa għandu użu passiv, tant li f'ħafna każi nistgħu nipparafrażawh fil-binja tal-passiv *ġie/jiġi rranġat* (dil-frażi hemm bżonn *titranġa/tiġi rranġata*).

*Dr Michael Spagnol hu riċerkatur fil-qasam tal-lingwistika u jgħallem fid-Dipartiment tal-Malti, l-Università*




**Trid spjega li tfiehmek darba għal dejjem tiktibx:**

Kontriħ jew kontrieħ? Awtomatikament jew awtomatikalment? Jgħini jew jgħinni? Ħtiġiet jew ħtiġijiet? X'ħin jew xħin?

Mela idħol fis-sit tal-**Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**
http://www.kunsilltalmalti.gov.mt
Inżel 'l isfel, għal nofs il-paġna, u mur fuq *Mistoqsija u Tweġiba*




**Sors:** https://www.facebook.com/groups/246657308743181/photos/

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**(*Il)Legali* u *(il)leċitu* – differenti jew l-istess?**
Dr David Borg

Hemm differenza bejn x'inhu ***legali*** u x'inhu ***leċitu***? It-termini *legali* u *leċitu* spiss niltaqgħu magħhom, forsi l-iktar fin-negattiv illegali u illeċitu, li jikkorrispondu għal *illegale* u *illecito* bit-Taljan, u *illegal* u *illicite* bil-Franċiż. Bl-Ingliż niltaqgħu mat-termini korrispondenti *legal* u *lawful*, fin-negattiv *illegal* u *unlawful*.

Għalkemm dawn it-termini jidhru faċli u ħafna drabi jintużaw fl-istess tifsira, jekk nagħtu każ ta' xi leġiżlazzjoni nindunaw b'xi differenzi.

L-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża[1] falza jew illeċita, m'għandha ebda effett[2]". L-Artikolu 990 tal-istess kodiċi jgħidilna li "Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku[3]".



Disinn: Jennifer De Barro

Ma naħsibx li għandi nidħol wisq f'aspetti legali. Iżda, mill-artikoli li ċċitajt, nistgħu nieħdu idea tad-differenza bejn dak li huwa illegali u dak li huwa illeċitu. Dak li huwa illegali nistgħu niddeskrivuh bħala li huwa espressament ipprojbit mil-liġi waqt li l-illeċitu jinkludi wkoll dak li huwa "kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku" jiġifieri dak li ma huwiex strettament kontra xi dispożizzjoni tal-liġi, iżda huwa ta' natura immorali jew kontra l-prinċipji fundamentali tas-soċjetà.

Jekk nieħdu l-espressjonijiet bl-Ingliż, insibu li *illegal* hija mfissra bħala

[1] Kawża hija element essenzjali ta' obbligazzjoni. Eżempju ta' obbligazzjoni huwa kuntratt. Kawża tista' titfisser bħala r-raġuni jew l-għan tal-obbligazzjoni. Hemm distinzjoni bejn kawża, li għandha tifsira oġġettiva, u motiv, li għandu sens suġġettiv. Fil-liġi Maltija kawża hija tradotta bl-Ingliż bħala *consideration*, kunċett li jeżisti fil-liġi Ingliża u li huwa simili għal dak ta' kawża.

[2] Ara wkoll l-Artikolu 1343 tal-Kodiċi Ċivili Taljan *"La causa è illecita quando è contraria a norme imperative, all'ordine pubblico o al buon costume"* u l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż *"On ne peut déroger, par des conventions particulières, aux lois qui intéressent l'ordre public et les bonnes mœurs"* (Ma tistax issir deroga, bi ftehim speċifiku, għal-liġijiet li jirrigwardaw l-ordni pubbliku u l-għemil xieraq)

[3] It-terminu *ordni pubbliku* f'din il-liġi huwa simili għall-kunċett Ingliż ta' *public policy*. Dan il-kunċett jista' jiġi spjegat bħala li jinkludi prinċipji morali fundamentali kif ukoll l-interess pubbliku, u liġijiet li huwa tant importanti li minnhom ma tistax issir deroga. Każ reċenti Franċiż kien jirrigwarda kuntratt dwar offerta għal laqgħat bi ħsieb ta' żwieġ jew unjoni stabbli. Ġie ddikjarat li tali kuntratt, li ma huwiex l-istess bħal li dan iż-żwieġ jew din l-unjoni seħħ jew seħħet, ma huwiex kontra l-ordni pubbliku jew l-egħmil xieraq, għalkemm sar minn persuna miżżewġa (Cour de Cassation, Chambre civile 1, 4 ta' Novembru 2011, Kawża 10-20114).

*"not authorized by law; illicit; unlawful; contrary to law"*[4]. Iżda jekk nieħdu t-terminu *unlawful* dan ifisser *"That which is contrary to law"* u li *"in the proper sense of the word, 'unlawful,' as applied to promises, agreements, considerations, and the like, denotes that they are ineffectual in law because they involve acts which, although not illegal, i.e., positively forbidden, are disapproved of by the law, and are therefore not recognized as the ground of legal rights, either because they are immoral or because they are against public policy"*[5]. Terminu ieħor simili huwa dak ta' *illicit* bħala *"Not permitted or allowed; prohibited; unlawful"*[6].

L-effett finali huwa l-istess, jiġifieri li l-obbligazzjoni mhijiex skont il-liġi u għalhekk m'għandha l-ebda effett legali. Madankollu, il-kunċett ta' *illeċitu q*ed jagħti tifsira ta' dak li mhuwiex permess mil-liġi għalkemm mhuwiex espressament ipprojbit mil-liġi jew illegali. Fil-kuntest tal-kawża illeċita, il-liġi ma tgħidx espressament x'inhija l-kawża illeċita jew dak li hu espressament ipprojbit mil-liġi.

Eżempju ta' kawża illeċita huwa konvenju ta' xiri ta' proprjetà, fejn hemm maħsuba evażjoni tat-taxxa tal-boll, billi ssir dikjarazzjoni falza tal-valur tal-proprjetà. F'kawża fuq dan is-suġġett, il-Qorti Maltija ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni ta' natura fiskali hija minnha nnfisha ta' ordni pubbliku inkwantu huwa preżunt li saret fl-interess pubbliku[7].

Fi kliem Marcus Tullius Cicero *Licere id dicimus quod legibus, quod more maiorum institutisque conceditur. Neque enim quod quisque potest, id ei licet.*[8]

*Dr David Borg huwa ġurista lingwista fil-Qorti tal-Ġustizzja.*

[4] Black's Law Dictionary, Free Online Legal Dictionary, 2nd edit.
[5] Ibid.
[6] Ibid.
[7] Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et, Qorti tal-Appell, 14 ta' Novembru 1996 , Vol. LXXX, P. II, p. 986.
[8] Huwa leċitu dak li huwa aċċettat mil-liġijiet u mill-użanzi tal-antenati. Mhux dak kollu li jista' jsir huwa leċitu

## ***Fiskali* u *Ta' taxxa***

Reuben Seychell

Għalkemm f'ċertu diskors jidher li tixxejjen id-differenza bejn ***fiskali*** u ***ta' taxxa***, fil-verità hemm differenza netta fejn *fiskali* tinkludi *ta' taxxa* imma mhux bil-kontra.

*Fiskali* tinkludi elementi ta' dħul (*revenue*) u ta' nefqa (*expenditure*), tant li l-Gvern ta' Malta (bħal kull gvern ieħor irregolat mis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet — ESA) jiddistingwi bejn *fiscal revenue* u *fiscal expenditure*. *Fiscal* f'dan is-sens hija qrib *budgetary* imma b'differenza temporali: strettament *budgetary* hija mill-perspettiva tal-estimi finanzjarji (jew baġit); filwaqt li *fiscal* hija mill-perspettiva tal-'kaxxa' proprja, biex niftiehmu. *Fiskali* ġejja mil-Latin *fiscālis* li tirreferi għall-kaxxa tal-istat, it-teżor.[1]




*Tax* tinkludi biss elementi ta' dħul (*revenue*) u hija WAĦDA mill-elementi ta' *fiscal*.

Allura *politika fiskali* u *politika ta' tassazzjoni* huma żewġ kunċetti differenti:

- il-politika fiskali tittratta l-elementi ta' dħul u nefqa: jekk iżżidx it-taxxi, jekk tinvestix fi proġett, jekk trażżanx in-nefqa fuq il-pensjonijiet, jekk tgħollix il-benefiċċji, miżuri biex jikkontrollaw l-inflazzjoni (prezzijiet) bħal

[1] Aquilina saħansitra jagħti l-forma "fisk" għat-teżor jew għall-*inland revenue*, imma fis-sorsi elettroniċi disponibbli ma teżisti l-ebda traċċa ta' din il-kelma.

ma tkun żieda ta' investiment mill-gvern f'qasam partikolari, mekkaniżmi li jaffettwaw il-livelli tal-impjiegi, is-self mill-gvern, eċċ.;

- il-politika ta' tassazzjoni tikkonċerna biss elementi ta' taxxa: bħal jekk iżżidx il-VAT u tnaqqas it-taxxa fuq l-introjtu (*income tax*), jew jekk iżżidx it-tnejn li huma, il-proporzjon ta' taxxa indiretta u dak ta' taxxa diretta, eċċ.

Wieħed għandu jqis b'kawtela l-korrispondenza bejn il-MT u l-lingwi rumanzi l-oħra, minħabba li ħafna mil-lingwaġġ u l-kunċetti amministrattivi fl-amministrazzjoni pubblika tagħna f'dan il-qasam writniehom mill-Ingliżi, anki jekk l-Ingliżi kienu wirtuh minn lingwa Rumanza oħra (possibbilment il-Latin)[2]. Fil-fatt l-influwenza Taljana fuq il-MT f'dan il-qasam jidher li xxejnet[3], u wieħed mill-eżempji tipiċi huwa l-fatt li *inland revenue* waqafna nsejħulu *erarju*[4].

*Reuben Seychell huwa t-terminologu tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

~ • ~

**Il-flora u l-fawna Mediterranja**
Alan Delia

Hemm nuqqas ta' materjal elettroniku u konsolidat fuq l-ambjent naturali Malti, kif ukoll skarsezza ta' sorsi tassonomiċi awtorevoli dwar speċijiet oħra mhux tal-abitat Malti jew Mediterranju. Din il-problema ta' nuqqas ta' għejun u kif dan jaffettwa b'mod partikolari lilna t-tradutturi meta niġu biex nittraduċu dokumenti tekniċi dwar dan il-qasam diġà ssemmiet f'edizzjonijiet preċedenti. Funzjoni waħda ta' *l-aċċent* hu li jiġbor fih l-informazzjoni li teżisti u jagħmilha aċċessibbli għat-tradutturi b'mod aktar faċli.

L-informazzjoni dwar il-veġetazzjoni u l-fawna ppreżentata f'dan l-artiklu hi msejsa fuq il-ktieb *Ilma, Blat u Ħajja - Is-sisien tal-ambjent naturali Malti* ta' Patrick J. Schembri u Alfred E. Baldacchino. Din il-pubblikazzjoni tispjega kif issawru taħt il-baħar il-gżejjer Maltin u kif dawn ittellgħu fil-wiċċ. Jinkludi spjega dwar kif il-klima taż-żminijiet bikrin iffurmat wiċċ l-art kif ukoll dwar l-effett tal-ilma fuq il-ħajja ta' pjanti, annimali u ħlejjaq oħra marbuta mal-baħar li sabu ruħhom f'dawn il-gżejjer u adattaw ruħhom għall-ambjenti eżistenti.


**Il-Qrempuċ**

Il-ktieb jinkludi spjega dettaljata dwar iż-żewġ tipi ta' veġetazzjoni li nsibu fil-gżejjer Maltin: dik naturali u dik li tikber f'ambjent imfixkel fejn il-veġetazzjoni naturali tkun inqerdet jew inbidlet. Mill-veġetazzjoni naturali, l-aktar ambjent ekoloġiku komuni hu x-xagħri. F'dan l-ambjent aħrax, bi ftit ħamrija u espost għar-riħ, jikbru tliet tipi ta' pjanti: dawk annwali li jħaddru fix-xitwa, bħall-qrempuċ *(Lotus edulis)*; dawk il-pjanti li għandhom basal u organi oħra taħt l-art, imsejħa ġeofiti, bħan-narċis *(Narcissus tazetta)*; u dawk li jibqgħu

[2] Il-Franċiżi ma baqgħux iżommu mas-sinifikat tal-Latin tant li *fiscal policy* = *politique budgétaire* u *taxation policy* = *politique fiscale*.
[3] Apparti s-sinifikat l-ieħor ta' *fisco/fiscale* fit-Taljan, marbut ma' elementi ġudizzjarji u elementi lessikali differenti li ma għandhom x'jaqsmu xejn mat-teżor jew it-taxxi.
[4] Ara l-Kap 62 tal-Liġijiet ta' Malta: l-Att dwar il-protezzjoni tal-erarju http://www.mjha.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8613&l=2

jgħixu s-sena kollha, bħas-sagħtar *(Coridothymus capitatus)*. Ix-xagħri jista' jiżviluppa fil-postijiet fejn ikun hemm ħamrija aktar fonda u fejn jikbru, fost l-oħrajn, is-siġar tal-ħarrub *(Ceratonia siliqua)* u taż-żebbuġ *(Olea europaea)*, u jista' anki jiddeġenera l-aktar minħabba r-ragħa tal-bhejjem fejn jikbru pjanti bħan-nixxiefa *(Stipa capensis)*, il-brimba *(Aegilops geniculata)* u ħafna kwalitajiet ta' xewk.

Insibu mbagħad informazzjoni dwar ambjenti ekoloġiċi oħra bħall-inħawi ta' madwar il-ġnub wieqfa tal-irdumijiet li hemm fuq il-kosta, fejn tikber fost l-oħrajn il-pjanta nazzjonali widnet il-baħar *(Palaeocyanus crassifolius)*.


**Il-Farfett tax-Xewk**

F'dawn l-ambjenti ma jikbrux biss pjanti imma wkoll għadd ta' annimali u ħlejjaq oħra li għarfu jadattaw ruħhom għat-tip ta' ambjent differenti. Dawn il-ħlejjaq, imsejħa l-fawna, jistgħu jinqasmu fi tlieta.


**Ix-xagħri: l-aktar ambjent ekoloġiku komuni**

Jittratta wkoll l-ambjenti ekoloġici ta' ħdejn il-baħar b'ħarsa lejn il-veġetazzjoni li tikber fit-tliet tipi tal-ambjenti tal-kosta.


**Widnet il-Baħar: il-pjanta nazzjonali**

L-ewwel grupp hu ffurmat prinċipalment mill-insetti li mhumiex limitati għal ambjent partikolari iżda ssibhom kważi kullimkien. It-tieni grupp ta' annimali huwa dawk li ssibhom biss f'tip ta' ambjent wieħed, fosthom dawk li jgħixu fl-għerien, bħall-psewdoskorpjuni *(Chythonius girgentiensis* u *Roncus melitensis)* u l-ħanżir l-art tal-għerien *(Armadillidium aelleni)*. It-tielet grupp huwa dawk li jgħixu fid-djar tagħna u li adattaw ruħhom biex jgħixu mal-bniedem, għalkemm dan l-istat ta' fatt mhuwiex apprezzat f'kull każ għaliex jinkludi annimali bħall-brimb tad-djar, il-wirdien *(Periplaneta americana)*, il-kokroċ *(Supella supellectillum)* u l-ġrieden tal-imramma *(Mus musculus)*.

L-utilità ta' din l-informazzjoni għalina toħroġ mill-fatt li bosta temi tekniċi li nsibu f'dan il-ktieb huma ttrattati wkoll fid-dokumenti li nittraduċu minn żmien għal żmien. Fit-tabella li takkumpanja dan l-artiklu hawn lista ta' termini li jeżistu fil-IATE bl-Ingliż u bis-saħħa ta' dan il-ktieb ħriġna l-ekwivalenti tagħhom fil-Malti.

*Alan Delia huwa traduttur mal-Kummisjoni Ewropea*




| Ingliż | Malti | Xjentifiku |
|---|---|---|
| | | |
| **Marine creatures** | **Ħlejjaq li jgħixu ħdejn il-baħar** | |
| Bivalves | Arzell | Mollusca: Bivlavia |
| Common Cockle | Arzella tal-Marsa | Cerastoderma edule |
| Weasel | Ballottra | Mustela nivalis |
| Land Snails | Bebbux tal-art | Mollusca: Gastropoda |
| Marine Snails | Bebbux tal-baħar | Mollusca: Gastropoda |
| Toothed Topshells | Bebbux tal-mazza | Mondota turbinata & Mondota articulata |
| Fresh-water snails | Bebbux tal-ilma ħelu | Mollusca: Gastropoda |
| Brackishwater Snails | Bebbux tal-ilma salmastru | Mollusca: Gastropoda |
| Shore snails | Bebbux tax-xatt | Mollusca: Gastropoda |
| White Snail | Bebbuxa bajda | Sphincterochila candidissima |
| Killifish | Bużaqq | Aphanius fasciatus |
| Limpets | Imħar | Patella spp. |
| Barnacles | Koċċli | Crustacea: Cirripedia |
| Perwinkles | Littorini | Litorina spp. |
| Cuttlefish | Siċċ | Sepia spp. |
| | | |
| **Plants** | **Pjanti** | |
| Sweet galingale | Bordi | Cyperus longus |
| Yellow Germander | Borgħom | Teucrium flavum |
| Bulrush | Buda | Typha domingensis |
| Mouse Barley | Bunexxief | Hordeum leporinum |

| Ingliż | Malti | Xjentifiku |
|---|---|---|
| Southern Water-crowfoot | Ċifolloq tal-Ilma | Ranunculus saniculaefolius & Ranunculus trichophyllus |
| Starfruit | Damasonju | Damasonium bourgei |
| Crested Dog's-tail | Denb il-Kelb | Cynosurus cristatus |
| Lentisk | Deru | Pistacia lentiscus |
| Shepherd's Purse | Ġarġir il-Ġemel | Capsella bursa-pastoris |
| Yellow Rocket | Ġarġir Isfar | Diplotaxis tenuifolia |
| White Wall-rocket | Ġarġir Abjad | Diplotaxis erucoides |
| Common Bear's Breech | Ħannewija | Acanthus mollis |
| Cape Sorrel | Ingliża/Qarsu | Oxalis pes-caprae |
| Stoneworts | Kara | Chara spp. |
| Evergreen Honeysuckle | Qarn il-Mogħża | Lonicera implexa |
| Caterpillar Plant | Widna | Scorpiurus sp. |
| Small buckthorn | Żiju | Rhamnus oleoides |
| | | |
| **Butterflies** | **Friefet** | |
| Painted Lady | Farfett tax-Xewk | Cynthia cardui |
| Red Admiral | Farfett tal-Ħurrieq | Vanessa atalanta |
| Large White | Farfett tal-Kaboċċi | Pieris brassicae |
| | | |
| **Animals living in domestic environment** | **Annimali li jgħixu mal-bniedem** | |
| Shrews | Ġrieden ta' Geddumhom Twil / Ġrieden tal-Munqar | Mammalia: Insectivora: Soricidae |
| House Mouse | Ġurdien tal-Imramma | Mus musculus |
| Dormice | Ġrieden ta' denbhom pjuma | Mammalia: Rodentia: Gliridae |
| Black rats | Firien | Rattus rattus & R. Norvegicus |
| Woodlouse | Ħanżir l-art | Crustacea: Isopoda: Oniscoidea |
| Silverfish | Kamla | Ctenolepisma longicaudata |
| Turkish Gecko | Wiżgħa tad-Djar | Hemidactylus turcicus |

Nota Editorjali:

Grazzi lill-fotografu Aron Tanti li ġentilment tana l-permess nirriproduċu r-ritratti tiegħu ma' dan l-artiklu. Ir-ritratti ttieħdu mill-website tas-sur Tanti: Discovering Malta's Flora and Fauna http://schoolnet.gov.mt/tanti

**Kemm-il organu kapaċi ssemmi bil-Malti?**
Lorna Saliba

Ms Saliba tkellmet ma’ Robert Cachia, il-koordinatur tal-proġett mediku u daqstant ieħor lingwistiku: it-Traduttur tal-Lingwaġġ Mediku (Medical Language Translator)

**Il-komunikazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent**

*“Bonġu dott, dalgħodu qomt b’uġigħ fiċ-ċinturin ta’ dahri. Naħseb dan l-aħħar kont qed nistrapazza xi ftit iżżejjed fuq ix-xogħol!”*

Għal Robert Cachia l-fatt li ngħixu f’pajjiż bilinwgi huwa ta’ unur kbir u dan joffrilna bosta opportunitajiet. Huwa jqis li l-lingwa Maltija tagħtina sens ta’ identità, tagħmilna kburin u tiddistingwina minn kull pajjiż ieħor. Min-naħa l-oħra, bil-lingwa Ingliża nikkomunikaw mal-bqija tad-dinja u nkunu nistgħu nirrelataw ma’ dawk li ma jafux jitkellmu bi lsienna. Hija wkoll il-lingwa prinċipali użata fil-kitba tal-materjal u r-riżorsi edukattivi. Għalhekk iż-żewġ lingwi huma kruċjali għall-iżvilupp personali u soċjali tagħna, filwaqt li jagħtuna bażi soda għall-komunikazzjoni.

> “... qed jinħoloq distakk fil-komunikazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet Maltin. Pazjenti li huma akbar fl-età, ġeneralment jużaw kliem tradizzjonali Malti għall-organi, il-mard u biex jiddeskrivu xi jkunu qed iħossu.”

Iktar ma jgħaddi żmien, iktar qed naraw lill-ġenerazzjoni żagħżugħa tuża l-Ingliż minflok il-Malti, speċjalment minħabba li s-sistema edukattiva tagħna hija bbażata fuq riżorsi, li ħafna drabi, huma disponibbli bl-Ingliż. Għalhekk, bil-mod iżda tabilħaqq viżibbli, qed jinħoloq distakk fil-komunikazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet Maltin. Bħala student tal-mediċina, Robert Cachia jesperjenza dan il-fenomenu b’mod partikolari meta jikkomunika ma’ pazjenti li huma akbar fl-età u li ġeneralment jużaw kliem tradizzjonali Malti għall-organi, il-mard u biex jiddeskrivu xi jkunu qed iħossu. Cachia jżid jgħid li l-użu ta’ dan il-kliem jista’ jkun problematiku għall-istudent tal-mediċina, li ġeneralment ikun familjari mat-termini mediċi bl-Ingliż.




Kien proprjament dan id-distakk lingwistiku li ġiegħel lil Robert Cachia, anki bħala membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Edukazzjoni Medika (Standing Committee on Medical Education–(SCOME)) tal-Malta Medical Students’ Association (MMSA), iħoss il-bżonn li jsib soluzzjoni. Kompla jgħidli li s-soluzzjoni kienet il-ħolqien ta’ traduttur tal-lingwaġġ mediku, li jinkludi repertorju utli ta’ termini mediċi tradotti mill-Malti għall-Ingliż u viċe versa. Bħala l-Uffiċjal tal-Edukazzjoni Medika fi ħdan l-MMSA bejn l-2011 u l-2012, Cachia jgħid li ħass mhux biss il-motivazzjoni biex jibda dan il-proġett, iżda anki sens ta’ dmir li jindirizza kwistjonijiet bħal dawn li jafu jxekklu l-edukazzjoni medika tal-istudenti Maltin u dawk internazzjonali, li jkunu qed

isegwu kors Universitarju li jwassal għal karriera fis-settur tal-Kura tas-Saħħa f'Malta.

Huwa jiddeskrivi l-*Medical Language Translator – Traduttur tal-Lingwaġġ Mediku* bħala inizjattiva bil-għan li tipprovdi għajnuna lill-professjonisti u l-istudenti kollha fil-qasam tal-kura tas-saħħa, meta dawn jiġu biex jikkomunikaw mal-pazjenti tagħhom.

It-*Traduttur tal-Lingwaġġ Mediku* jgħin lill-pazjent iħossu mifhum, filwaqt li jgħin lit-tabib jibni storja medika xierqa tal-pazjent bl-informazzjoni li dan jipprovdilu. Is-Sur Cachia spjegali li storja medika tajba hi l-aktar għodda importanti biex tabib jagħmel dijanjosi tajba, u għalhekk l-għan aħħari tal-inizjattiva huwa li tittejjeb il-kwalità tal-kura mogħtija lill-pazjent.

MMSA - Medical Language Translator

A B C D E F G H I J K L M N O P Q R S T U V W X Y Z

A

| | |
|---|---|
| Abdomen | Żaqq |
| Ability | Kapaċità (*pl.* -jiet), ħila (*pl.* -iet), abbiltà (*pl.* -jiet) |
| Abnormal | Anormali |
| Abortion | Abort (*pl.* -i) |
| Accident | Inċident (*pl.* -i), aċċident (*pl.* -i) |
| Ache | Uġigħ |
| Acid | Aċtu (*pl.* -i) |
| Acne | Akne, ponot fil-wiċċ |
| Acquired | (Marda) li taqbdek, toħroġlok, tiżviluppalek |
| Acute | Akut (*f.* -a, *pl.* -i), (uġigħ) qawwi u f'daqqa |
| Addiction | Vizzju (*pl.* -i), kilba |
| Adolescence | Adolexxenza |
| Adolescent | Adolexxenti |
| Adult | Adult (*pl.* -i) |
| Advanced | Avvanzat (*f.* -a, *pl.* -i) |
| Afebrile | M'għandux deni, mingħajr deni |
| Age | Età (*pl.* -jiet) |
| Agony | Agunija |
| Aid | Għajnuna (*pl.* -iet) |
| Albumin | Albumina |
| Alcohol | Alkoħol |
| Allergy | Allerġija (*pl.* -i) |
| Ambulance | Ambulanza (*pl.* -i) |
| Amputation | Amputazzjoni, qtugħ (ta' parti mill-ġisem) |
| Anaemia | Anemija, demm baxx |
| Anaesthesia | Anestesija, loppju |

2

MMSA - Traduttur Mediku Malti

A B Ċ D E F Ġ G GĦ Ħ H I J K L M N O P Q R S T U V W X Ż Z

A

| | |
|---|---|
| Abort | Abortion |
| Abjad | 1. White. 2. Pale |
| Abnormali | Abnormal |
| Aċċessjoni | Convulsion |
| Aċċident | Accident |
| Aċidu | Acid |
| Aċtu | Acid |
| Adoloxxenti | Adoloscent |
| Adoloxxenza | Adoloscence |
| Adult | Adult |
| Agunija | Agony |
| Aħrax | Harsh |
| Akne | Acne |
| Akut | Acute |
| Albumina | Albumin |
| Alkoħol | Alcohol |
| Allerġija | Allergy |
| Ambulanza | Ambulance |
| Amputazzjoni | Amputation |
| Anatomija | Anatomy |
| Anemija | Anaemia |
| Anestesija | Anaesthesiology |
| Anġina | Angina |
| Annimal domestiku | Pet |
| Annimal tad-dar | Pet |
| Anterjuri | Anterior |
| Antibijotiċi | Antibiotics |
| Ansjetà | Anxiety |
| Anzjan | Elderly |
| Appendiċite | Appendicitis |

2

## L-isfidi ewlenin biex jiġi kkompilat il-glossarju mediku

L-akbar diffikultà f'dan il-proġett kienet il-bidu tiegħu u l-għażla tal-kliem li kellu jiġi inkluż fit-traduttur. Dan kien jirrikjedi riċerka intensa minn żewġ sorsi prinċipali, jiġifieri minn materjal bil-miktub bħal dizzjunarji bl-Ingliż u dawk mediċi, u aktar importanti minn hekk, mill-istudenti u l-pazjenti nfushom.

Kompla jgħidli li t-tieni sfida kienet biex jintgħażel il-kliem tradott xieraq li jilħaq l-għan ta' din il-pubblikazzjoni, speċjalment meta wieħed iqis li l-għadd ta' kliem xjentifiku bil-Malti huwa pjuttost limitat meta mqabbel ma' dak bl-Ingliż. Biex, kemm jista' jkun, jint-

laħaq l-għan tal-pubblikazzjoni, ġie deċiż li terminu bl-Ingliż ma jiġix abbinat biss ma' terminu wieħed bil-Malti. Dan sabiex il-pubblikazzjoni sservi ta' referenza aktar sħiħa. Il-kliem verament tekniku ġie tradott kemm fil-verżjoni xjentifika, meta kienet disponibbli, u kemm fil-verżjoni familjari li s-soltu tintuża u tinftiehem mill-pazjent. Bħala eżempju huwa jsemmi l-kelma ***anemia*** li ġiet inkluża bħala ***anemija***, li hija l-verżjoni xjentifika u ***demm baxx***, li hija l-verżjoni aktar familjari.

Anki għall-kliem li ġeneralment jintuża bl-Ingliż, ġiet inkluża t-traduzzjoni bil-Malti. Bħala eżempju, din id-darba, jagħti l-kelma ***thyroid***, li għalkemm il-Maltin ħafna drabi jużawha bl-Ingliż, ġiet tradotta bħala ***tirojde***, kelma li għalkemm ma tantx tintuża tagħmel il-pubblikazzjoni waħda aktar kompleta. Cachia żied jgħidli li l-inklużjoni ta' kliem li ma tantx jintuża bil-Malti tagħmel it-traduttur aktar komprensiv u tgħin biex jinkiseb għan ieħor, jiġifieri d-disponibbiltà ta' referenza għal dawk li jkunu qed jiktbu artiklu xjentifiku bil-Malti.

> "It-*Traduttur tal-Lingwaġġ Mediku* jgħin lill-pazjent iħossu mifhum, filwaqt li jgħin lit-tabib jibni storja medika xierqa tal-pazjent bl-informazzjoni li dan jipprovdilu."

Ta' min isemmi li Cachia jqis li l-għodda hi utli mhux biss għall-istudenti Maltin li ma għandhomx għarfien ta' kliem bħal ***milsa***, ***frixa***, ***suffejra*** u ***mendil***, iżda hija strumentali wkoll għall-istudenti u l-professjonisti internazzjonali li qed jikkontribwixxu għall-kura tas-saħħa tal-pazjenti f'Malta. Hawnhekk, is-Sur Cachia spjegali li l-għadd ta' barranin li jiġu Malta biex jaħdmu fis-settur tas-saħħa qed jiżdied minn sena għal oħra. Dan ifisser li kull ma jmur aktar persuni fil-qasam tas-saħħa se jkollhom jiffamiljarizzaw ruħhom ma' termini mediċi bil-Malti biex jikkomunikaw mal-pazjenti tagħhom. Għaldaqstant, sfida oħra kienet li t-traduttur ikun wieħed li jista' jinġarr u jintuża faċilment.

**Pubblikazzjoni serja li se tkun disponibbli dalwaqt**

Robert Cachia qal li jemmen li l-kwalità tal-pubblikazzjoni hija professjonali u affidabbli. Dan anki għaliex Cachia għażel li jaħdem ma' xi membri tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta biex jagħti valur miżjud lil din il-pubblikazzjoni. Hawnhekk jirringrazzja lill-Professur Manwel Mifsud, lil Dr Michael Spagnol u lis-Sur Josef Trapani tal-għajnuna esperta li tawh biex il-lingwa Maltija tintuża b'mod korrett. Jgħid ukoll li xogħlu ġie rivedut u sarlu l-qari tal-provi bosta drabi.

Il-pubblikazzjoni se tkun disponibbli fil-ġimgħat li ġejjin. L-għan tat-tim huwa li t-traduttur ikun disponibbli għal kulħadd u jkun jista' jintuża minn kulħadd, iżda b'mod partikolari minn dawk involuti fis-settur tal-kura tas-saħħa, kemm jekk huma professjonisti u kemm jekk huma studenti u anki minn dawk li għandhom interess speċjali fil-lingwa Maltija. It-tim li ħadem fuq it-traduttur jixtieq li din l-inizjattiva tikkontribwixxi għall-edukazzjoni medika u għat-titjib tal-kwalità tal-kura li jirċievi l-pazjent, filwaqt li tiġi promossa l-lingwa Maltija.

Min jixtieq aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva jista' jibgħat e-mail fuq medical-translator@mmsa.org.mt jew iżur is-sit elettroniku www.mmsa.org.mt.

*Robert Cachia hu student tal-mediċina tar-raba' sena. Serva bħala l-Uffiċjal Nazzjonali għall-Edukazzjoni Medika u fil-preżent huwa l-Koordinatur responsabbli mill-Proġetti tal-Għaqda tal-Istudenti tal-Mediċina ta' Malta (l-MMSA)*

## Ġabra ta' Termini Mediċi Popolari

Dr Michael Spagnol u Sandro Spiteri

Il-lingwaġġ mediku Malti ġibed l-attenzjoni ta' ħafna kittieba matul is-snin. Nistgħu nsemmu xogħlijiet li jmorru lura għas-seklu 19 bħal:

- Fabrizio Borg, *Ghajnuna fil mard ghal gharrieda*, Guttemberg, Malta, 1880.
- Salvatore Pisani, *Ktieb il Qabla*, 1883.
- Fabrizio Borg, *Kelmtejn fuq is sahha tal ulied*, 1884.
- Anonimu, *Twissiet fuk il Mard tal Kollra mehrugin mill Gvern biex jixxerdu fost in-nies*, Government Printing Office, Malta, 1885.
- G.B. Schembri, *Taghlim ghal l-Istudenti ta' l-Iskola tal-Kwiebel ta' l-Isptar Centrali*, 1897.

Uħud, bħal *Twissiet fuk il Mard tal Kollra*, kienu miktuba għall-edukazzjoni medika fost il-pubbliku. Oħrajn, bħall-kotba ta' Pisani u ta' Schembri, kienu indirizzati għall-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Fost il-kitbiet tal-ewwel nofs tas-seklu 20 nistgħu nsemmu:

- Annibale Preca, *Nibzghou ghal Sahhitna. Taghlim ghat-Tfal*, Cotba tal Moghdija taz-Zmien, Nru. 22, 1902.
- G. Busuttil, *Fuk il Mard ta' n-nies ta' s-Snajja*, Cotba tal Moghdija taz-Zmien, Nru. 110, 1911.
- Lorenzo Manché, *Mard l Ghajnejn fit-Trabi*, Cotba tal Moghdija taz-Zmien, Nru. 110, 1911.
- Ġużè Bonnici, *Il-Ġmiel ta' Ġisimna*, Progress Press, Malta, 1939.
- Giovanni Mamo, *Obstetricia Illustrata – Tgharrif fuq it-Twelid bil-qabla w it-tabib*, SKS, Malta, 1939.
- Joseph Morana, *Taħdidiet fuq is-Saħħa*, Giov. Muscat, Malta, 1950.

Għandna wkoll diversi pubblikazzjonijiet reċenti bħal:

- Pierre Mallia, *Kelma mat-Tabib*, Bioethnic Centre, Malta, 2005.
- Miran Spiteri, *An English Maltese dictionary of medical and pharmaceutical terms: A-K*, id-Dipartiment tal-Farmaċija, l-Università ta' Malta, 2010.
- Renald Blundell, *DNA, ċelloli staminali u kura b'mod naturali*, Malta University Publishing, Malta, 2011.
- Joseph Eynaud, Elizabeth Cassar u Charles Savona Ventura, *Translation Studies: An Anglo-Maltese Scenario of Reproductive Health*, LAP Lambert Academic Publishing, il-Ġermanja, 2012.

Għal ħarsa aktar dettaljata lejn il-pubblikazzjonijiet Maltin dwar il-mediċina, tista' tara l-ktieb *L-Istorja tal-Mediċina fil-Gżejjer Maltin* ta' Charles Savona Ventura (Kullana Kulturali, Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta, 2006).

Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet li semmejna, speċjalment dawk reċenti, jiffukaw fuq termini mediċi tekniċi, kliem, biex ngħidu hekk, tan-nies tal-qasam; għalkemm xi wħud jagħżlu li jirreferu, ngħidu aħna, għad-dijabete bħala *zokkor* jew *il-marda taz-zokkor*. F'dan l-artiklu nagħtu ġabra ta' termini mediċi popolari; popolari fis-sens li huma termini mifruxa mal-pubbliku inġenerali u li aktarx ikun hemm terminu tekniku ekwivalenti għalihom.

Għandna f'moħħna espressjonijiet bħal *ħġieġa tad-deni* flok *termometru*, *tapp* flok *suppożitorju*, *demm baxx* flok *anemija*, *taħraq il-pipì* flok *test tal-awrina*, u l-bqija. L-idea hi li niġbru l-kelma fuq fomm il-kelliem, isem is-sintomu jew il-marda li jmur bihom għand l-ispiżjar jew l-ispeċjalista mill-kamp mediku.

Il-punt ta' tluq kien kors li kien jingħata bejn l-1999 u l-2009 lill-istudenti tal-ewwel sena fil-Baċellerat tal-Farmaċija. L-għan ta' dan il-kors

kien li jesponi lill-istudenti għall-użu tal-Malti miktub u mitħaddet fir-reġistru tal-farmaċija. Fil-bidu l-kors kien jingħata mis-Sur Alexander Spiteri u mbagħad kompla jibni fuqu Dr Michael Spagnol. Fl-2008 u l-2009 taw sehemhom ukoll is-Sa Loranne Vella Zahra u s-Sur Josef Trapani.

Sa mill-bidu nett, parti integrali tal-kors kienet li l-istudenti jsiru konxji tal-lingwaġġ popolari li l-Maltin jużaw biex jitkellmu dwar mard, sintomi u kura. Fil-fatt kienu jkunu l-istudenti stess li jirrimarkaw li fil-ħidma ta' kull ġimgħa li kien ikollhom fi spiżerija, mhux l-ewwel darba li ma setgħux jifhmu s-sintomi, il-marda jew it-tip ta' kura li jkun qed jirreferi għalihom il-klijent. Kien għalhekk li bħala parti mix-xogħol tal-kors tal-ewwel grupp tal-1999, l-istudenti kienu mitluba jiġbru lista ta' kliem u espressjonijiet mediċi bil-Malti li kienu jisimgħu fl-ispiżeriji. Minn dawn il-listi s-Sur Spiteri fassal kwestjonarju li kien fih tliet taqsimiet:

i. lista alfabetika ta' 65 terminu mislutin mil-listi tal-istudenti tal-ewwel sena tal-kors (ara l-ġabra t'hawn taħt);
ii. lista ta' 10 termini li, mill-analiżi preliminari tal-listi u mid-diskussjonijiet mal-istudenti, kien jidher li kien hemm aktar minn kelma jew frażi waħda bl-istess tifsira f'partijiet differenti ta' Malta u Għawdex (ngħidu aħna, kif il-klijenti tal-ispiżeriji jirreferu għall-pinnoli jew il-pilloli, għad-dijarea, jew għal xi ħaġa li ssoff għal griżmejk);
iii. parti li fiha l-istudenti u l-ispiżjara setgħu jniżżlu kliem u espressjonijiet oħrajn relevanti għall-qasam tal-mediċina u l-farmaċija li ma kinux fil-kwestjonarju.

F'dan l-artiklu nippreżentaw ir-riżultati li ħarġu mill-ewwel taqsima. It-termini u l-varjanti miġbura mit-tieni u t-tielet taqsima se jintużaw biex inkomplu niġbru aktar termini mediċi popolari li, kif jidher mill-ġabra f'dan l-artiklu, uħud minnhom mhumiex imniżżla fid-dizzjunarji ewlenin tal-Malti jew id-dizzjunarji ma jġibux it-tifsiriet kollha li ltqajna magħhom.

Dan il-kwestjonarju ngħata lill-istudenti tal-2000 u lill-istudenti tal-2007. L-istudenti kienu mitluba jieħdu l-kwestjonarju magħhom fl-ispiżerija fejn kienu qed jagħmlu l-prattika darba fil-ġimgħa u jimlew billi jsaqsu lill-ispiżjar u joqogħdu attenti għal dak li jgħidu l-klijenti, fuq medda ta' tliet ġimgħat.

B'kollox inġabru 90 kwestjonarju minn 43 lokalità differenti. F'xi lokalitajiet, bħal Birkirkara, il-Mosta, Tas-Sliema u r-Rabat Għawdex, il-kwestjonarju mtela f'aktar minn spiżerija waħda f'dik il-lokalità.






Dawn il-kwestjonarji ġew analizzati u diskussi mal-istudenti mill-2000 sal-2009. Dan l-artiklu għalhekk fih ġabra ta' termini li toħroġ minn ħidma fuq medda ta' disa' snin. Matul dawn is-snin kellna ċ-ċans niddiskutu u nivverifikaw it-termini magħżula u t-tifsiriet tagħhom ma' bosta spiżjara, studenti tad-Dipartiment tal-Farmaċija u xi studenti tad-Dipartiment tal-Mediċina. It-termini f'din il-ġabra huma varjati ħafna. Prinċipalment jinkludu mard jew kundizzjonijiet mediċi bħal *ċesta*, *seqi* u *xgħira*, u mediċina jew metodi ta' kura bħal *pinnoli*, *duwa* u *fumenta*.

Il-ġabra qiegħda f'ordni alfabetika u tinkludi għadd ġmielu ta' varjanti (ngħidu aħna, għal *pustumetta* sibna l-varjanti *fustumetta*, *kustumetta*, *stumetta* u *boqqiegħa*) u numru ta' każi fejn terminu partikolari għandu aktar minn tifsira waħda. Pereżempju sibna tliet tifsiriet għat-terminu *mxija*, jiġifieri dijarea, flissjoni jew influwenza, u passa, iżda d-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina (1990, 2:815) jagħti biss it-tielet tifsira tal-kelma *mxija*. Għal kull terminu nagħtu mhux biss il-varjanti li ltqajna magħhom, imma nagħtu wkoll l-eqreb ekwivalenti bl-Ingliż. Għal xi termini nagħtu wkoll frażi qasira li tagħti idea tal-kuntest li fih jintuża l-kliem.

Minn banda, il-ġabra fiha kliem mifrux ħafna bħal *flissjoni*, *ċmajra* u *ħafas*. Mill-banda l-oħra, uħud mit-termini, bħal *qrada*, *debbiegħa* u *fsada*, mhumiex magħrufa wisq. Għal din ir-raġuni ħdejn kull terminu nagħtu sigla li tindika kemm hu mifrux dak it-terminu abbażi ta' kemm kienu jafuh l-ispiżjara u kemm jużawh il-klijenti tagħhom fl-ispiżeriji. Fil-ġabra nużaw erba' sigli:

- **kom.** għal termini **komuni**, li ngħatat tifsira għalihom fi 78% tal-kwestjonarji jew aktar
- **nofs** għal termini li l-għarfien tagħhom huwa **tan-nofs**, bejn 44% u 77% tal-kwestjonarji
- **ftit** għal termini li huma magħrufa minn **ftit**, bejn 22% u 43% tal-kwestjonarji
- **rari** għal termini **rari**, li ngħatat tifsira għalihom f'inqas minn 21% tal-kwestjonarji

Huwa importanti li din il-ġabra ta' termini mediċi popolari tkompli tikber u tissaħħaħ. Tikber qabelxejn biż-żieda ta' termini ġodda u ta' tifsiriet oħrajn għal termini magħrufa, kif ukoll biż-żieda ta' varjanti għal dawn it-termini. B'varjanti qed nifhmu kemm varjazzjonijiet żgħar fil-forma, bħal *pinnoli* u *pilloli*, u kemm varjazzjoni lessikali, bħal *pirmli* u *pinuri*, li ħafna drabi tkun tiddependi minn differenzi fil-ġeografija u fl-età tal-kelliema. Tissaħħaħ fis-sens li ssir aktar riċerka fuq il-ġabra tat-termini u l-aspetti semantiċi tagħhom fost għadd ta' kelliema minn faxex differenti tas-soċjetà u minn partijiet differenti ta' Malta u Għawdex biex ikollna stampa aktar ċara tal-użu u l-firxa tat-termini mediċi kemm tekniċi u kemm popolari.

## Il-Ġabra ta' Termini Mediċi Popolari

**affann** (kom.) tbatija biex tieħu n-nifs, qtugħ ta' nifs li jista' jiġi minn sforz jew kedda, mill-ażma, u mard tal-qalb u tal-pulmun

Ing. **dyspnea**, **panting**

**aħtriq** (nofs) qsim jew ħruq fix-xufftejn ġeneralment minħabba l-kesħa; xufftejn imtellgħin; jintuża wkoll għal nixfa, ħmura, infjammazzjoni fix-xufftejn

Var. **eħtriq, riħ triq**
Ing. **chapped lips**

**biswit il-kelb** (ftit) ara **fiswet il-kelb**

**brim** (kom.) *tatu barma*, taqlib fl-imsaren, weġgħa fiż-żaqq, jew ġieli l-ħoss ta' tgedwid u tgergir fl-imsaren, ħafna drabi assoċjat mad-dijarea

Ing. **abdominal spasm**

**bruda** (kom.) *taqbdek il-bruda*, tiksaħlek żaqqek u tuġgħek; ikollok il-gass, ġeneralment minħabba l-bard

Ing. **colic**

**ċesta** (kom.) boċċa mimlija sustanzi likwidi jew semisolidi (mhux qerrieda)

Var. **ċista**
Ing. **cyst**

**ċmajra** (kom.) *tieħu ċmajra*, riħ fuq riħ li aktarx tibilgħu wara li titperreċ; jista' jiżviluppa fi bronkite jew pulmonite

Ing. **feverish cold, URTI (Upper respiratory tract infections)**

**debbieħa** (rar.) infezzjoni fungali bejn is-swaba' tas-saqajn ikkaratterizzata minn ħakk, infafet u qoxra; tiġi mill-għaraq, minn żarbun li jagħlaq l-arja jew jekk timxi ħafi

Ing. **athlete's foot**

**duwa** (kom.) mediċina jew kura f'sens ġenerali, imma aktarx mistura mhux pilloli; ġieli tintuża għal ingwent jew xi ħaġa li tindilek

Ing. **medicine (syrup); ointment**

**fetħa** (kom.) **1** *qabditu fetħa*, dijarea; **2** qasma kbira, ferita

Ing. **diarrhoea; wound**

**fistla** (nofs) musmar maqlub, ġeneralment fil-warrani

Var. **fiskla**
Ing. **(anal) fistula**

**fiswet il-kelb** (ftit) għoqda, glandola limfatika minfuħa, l-aktar fil-ġogi ta' taħt l-idejn (l-abt), mal-ingroppa, il-kuxxtejn u taħt iż-żaqq

Var. **biswit il-kelb**
Ing. **lymphadenitis**

**flissjoni** (kom.) riħ komuni, imnieħer joqtor

Var. **fissjoni**
Ing. **runny nose**

**fintusi** (ftit) teknika terapewtika; tifga l-arja minn tazza b'xemgħa u tagħmilha mal-ġilda biex tiġbed id-demm; kienu jemmnu li tiġbed il-mard jew xi riħ; ġieli kienu jużaw munita

Var. **fontusi**
Ing. **cupping glass**

**fossa** (nofs) **1** *ġismu mtela fosos fosos*, ponta bil-materja, aktarx irqiqa; **2** ulċera fil-ħalq, bħal pustumetta; **3** musmar kbir imdenni, bil-materja

Ing. **blister; mouth ulcer; boil**

**fsada** (rari) teknika antika li tiftaħ vina biex joħroġ id-demm li kien meqjus żejjed u miegħu joħroġ il-mard

Var. **salass, flebotomija**
Ing. **phlebotomy, bloodletting**

**fumenta** (nofs) likwidu jew materjal sħun mal-ġilda biex ittaffi l-uġigħ

Ing. **fomentation, poultice**

**ġbajjar** (nofs) plural ta' *ġbara*, biċċa lbieba tal-ħobż imxarrba bil-ħalib jagħli u mqiegħda fuq l-istonku ħabba l-bruda, fuq dieħes, u l-bqija

Ing. **poultice, antiphlogistic**

**ħafas** (kom.) raxx, jitilgħu ħafna ponot ħomor irqaq bl-umdità jew bis-sħana għax jinstaddu l-glandoli tal-għaraq

Ing. **prickly heat, heat rash, miliaria rubra**

**ħażżież** (ftit) infjammazzjoni fil-ġilda qisha tbenġila

Ing. **fungus**

**ħefa** (ftit) dari kienu joqogħdu ħafjin u kien ikollhom kundizzjonijiet bħal fungus, ħruq, qsim infettat, u l-bqija

**ħġieġa tad-deni** (kom.) termometru kliniku, diġitali jew mhux

Var. **ħġieġa, termometru**
Ing. **clinical thermometer**

**ħmewwa** (rari) ħmura fil-ħalq, fix-xofftejn, fil-partijiet ġenitali tan-nisa; jitlagħlek ġismek

Ing. **redness, eczema; cutaneous eruption**

**ħobla** (kom.) mara tqila, terminu informali, meqjus baxx, dispreġġjattiv

Var. **tqila, se jkollha, biż-żieda, se tixtri**
Ing. **pregnant**

**ħrar** (nofs) marda fungali l-aktar fit-tfal; jitilgħu tikek bojod u ulċeri fil-ħalq

Ing. **oral candidiasis, (oral) thrush**

**ħuttafa** (rari) marda fatali fit-trabi

Ing. **cot death**

**ħżieża** (kom.) kundizzjoni tal-ġilda, tiħmar u jitrabbew dbabar li jqabbduk il-ħakk

Ing. **ringworm, tinea**

**jiġma'** (nofs) *sebgħi qed jiġma'*, jimtela bil-materja jew bid-demm, jiffjamma

Ing. **to suppurate**

**kupazzjoni** (kom.) stonku imbullat, indiġestjoni, dwejjaq fl-istonku

Ing. **bloating**

**kustumetti** (nofs) ara **pustumetta**

**labarbru** (nofs) pjanta li minnha jagħmlu taħlita morra li tittieħed bħala diġestiv (jgħin id-diġestjoni) jew porga, lassativ; ituha lil min ikun ħa qatgħa

Var. **rabarbu**
Ing. **rhubarb (cathartic purgative, astringent)**

**lavanda** (kom.) **1** ħaxixa aromatika li tintuża fil-fwejjaħ jew biex issir xarba li sservi bħala porga biex tlaħlaħ il-ġisem qabel xi operazzjoni; **2** pompa għat-tindif anali u vaġinali

Ing. **lavender, enema, vaginal douche**

**mħat** (nofs) plural ta' maħta, ħmieġ tal-imnieħer, maħlul aktar milli magħqud, mukus

Ing. **mucus, nose secretions**

**mistura** (kom.) mediċina li tinxtorob għas-sogħla, għall-ħruq ta' stonku, u l-bqija; tintuża kemm għas-*syrup* (mistura likwida) u kemm għas-*suspension* (mistura li jħallathielek l-ispiżjar)

Ing. **(liquid) medicine, syrup, suspension, linctus**

**mrar** (nofs) aċidità u ħruq ta' stonku; togħma morra

Ing. **acid reflux**

**mxija** (nofs) **1** dijarea; **2** flissjoni, influwenza; **3** passa, epidemija (li timxi)

Ing. **diarrhoea; influenza; outbreak**

**nfafet** (kom.) plural ta' **nuffata**

Var. **nfafat**

**nuffata** (kom.) bużżieqa bl-ilma, boċċa fil-ġilda bil-materja li titla' minħabba xi ħruq jew irritazzjoni

Var. (Għawdex) **boqqiegħa**
Ing. **blister**

**ostji** (ftit) dari kienu pakketti magħmulin mill-ostja li kienu jimlewhom bil-mediċina (pinnoli mfarrkin jew trab tal-mediċina) li jkollha togħma ħażina; għal min ma jkunx jaf jibla' l-pinnoli

Ing. **cachets**

**pinnoli** (kom.) mediċina f'forma solida

Var. **pilloli**, **pirmli**, (Għawdex) **pinuri**
Ing. **pills, tablets, capsules**

**pustumetta** (nofs) ponta żgħira bil-materja li titla' taħt il-ġilda, l-aktar mal-ħanek

Var. **kustumetta**, **fustumetta**, **stumetta**, **nuffata tal-ħanek** (Il-Miklem Malti, 1979, 6:325), (Għawdex) **boqqiegħa**
Ing. **pustule, mouth ulcer, aphthous ulcerx**

**qoxra** (kom.) **1** *il-ferita qed trabbi l-qoxra*, l-iskorċa li titla' fuq ferita hi u tfiq; **2** ġilda xotta mal-qurriegħa, differenti mill-brija; **3** infjammazzjoni fil-qurriegħa tat-trabi

Ing. 1 **scab**, 2 **dry scalp**, 3 **cradle cap**

**qrada** (ftit) barxa jew qasma f'qiegħ is-sieq b'ġilda ħoxna bil-kallu li aktarx tkun ikkawżata minn rifsa jew infezzjoni

Ing. **abscess on the sole of the foot**

**qratas** (kom.) plural ta' **qartas**, pakkett żgħir bi trab mediċinali għad-dijarea, għall-vitamini, għar-*rehydration*, u l-bqija, li aktarx jitħalltu mal-ilma

Ing. **sachets**

**raxx** (kom.) ponot irqaq, tikek ħomor li jinfirxu fuq il-ġilda; ħmura fil-ġilda; allerġija

Ing. **rash**

**rsipla** (ftit) infezzjoni qawwija ġeneralment fis-saqajn li tista' tiżviluppa f'kankrena; infjammazzjoni kbira fis-saqajn, anke ferita taz-zokkor

**seqi** (kom.) *fix-xitwa jaqbadni s-seqi*, infjammazzjoni u ħakk l-aktar fis-swaba', fis-saqajn, fl-imnieħer u fil-widnejn li tiġi mill-ksieħ

Ing. **chilblains**

**skrejbel** (rari) marda tal-ġilda tittieħed li tqabbad ħafna ħakk; kienet komuni fl-antik, l-aktar fi żmien il-gwerra, minħabba nuqqas ta' iġene

Var. **skejbil**
Ing. **scabies**

**sried** (ftit) qsim, ħmura fix-xufftejn minħabba l-kesħa

Var. **tramuntana**
Ing. **chapped lips, sore lips**

**tagħrix** (kom.) ħakk fil-griżmejn minħabba xi irritazzjoni jew sogħla

Ing. **tickly throat**

**taħraqli l-pipì** (kom.) test tal-awrina għad-dijabete, għat-tqala, u l-bqija; differenti minn **taħraqni l-pipì**, tbati biex tagħmel l-awrina (bl-Ingliż *dysuria*)

Ing. **urinalysis**

**tappijiet** (kom.) plural ta' **tapp**, **1** kelma oħra għas-suppożitorju; differenti minn tappuni li tintuża għat-*tampons*; **2** tappijiet tal-widnejn

Var. **tpup**
Ing. **suppositories; ear plugs**

**taqliba** (kom.) *kellha* jew *tatha taqliba*, attakk ta' indiġestjoni; dardir fl-istonku, ikollok l-istonku mhux f'postu; itik ħass ħażin u jista' jkun li tirremetti

Ing. **gastrointestinal discomfort**

**telgħetli boqqa** (kom.) qrusa mill-istonku, sensazzjoni ta' ħruq fil-griżmejn mit-tifwiq

Ing. **regurgitation**, **gastro-oesophageal reflux**

**tfekkek** (kom.) ixxaqqaq għadma bla ma tiksirha

Ing. **to sprain**

**tinħija** (rari) il-ftit li kienu jafu dil-kelma fissruha bħal dijarea, tneħħi l-bili, id-demm tal-mestrwazzjoni

Ing. **discharge?**

**tpup** (rar.) ara **tappijiet**

**tumurett** (nofs) ulċera fil-ħalq; tumur żgħir

Ing. **mouth ulcer; small tumor**

**uġigħ f'ingroppti** (ftit) uġigħ mal-ġenbejn, qrib il-ġenitali; aktarx tkun ġbidt il-muskolu tal-parti li tgħaqqad taħt iż-żaqq mal-bidu tal-koxxa

Ing. **groin pain**

**vixxri** (nofs) **1** l-imsaren; **2** *għamel vixxri*, dijarea, għamel imsarnu, għamel maħlul

Var. **vixxli**
Ing. **intestines, viscera; diarrhoea**

**xgħira** (kom.) ponta fuq xfar l-għajnejn, nefħa fil-kappell jew l-għatu tal-għajn

Ing. **sty, stye, hordeolum**

**xkattapietra** (nofs) pjanta li kienu jgħalluha u jixorbuha bħat-te għax kienu jemmnu li tkisser il-ġebla fil-kliewi jew fil-marrara (*Micromeria microphylla*)

Var. **xpakkapietra, xpakkapjetra**

**xlieqa** (nofs) **1** ulċera jew infezzjoni fiż-żewġ irkejjen tal-ħalq; ħmura u qsim mal-ġnub tax-xufftejn; **2** ponta tad-deni max-xufftejn

Ing. **angular cheilitis, angular stomatitis; herpes simplex**

**xquq is-safra** (nofs) qsim fl-għarqub, ġilda iebsa u maqsuma fis-saqajn, qiegħ is-sieq imfellel

Var. **xquq ix-xafra**
Ing. **cracked heel**

**xulliefa** (nofs) ħajta ġilda mejta mas-seba' qrib id-difer, nofsha maqlugħa

Ing. **hangnail, agnail**

*Dr Michael Spagnol huwa lettur fl-Università ta' Malta u Sandro Spiteri huwa d-Direttur tad-Dipartiment tal-Maniġment tal-Kurrikulu u l-e-Learning tal-Ministeru tal-Edukazzjoni*

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

***Aspetti Oħra***

**De Soldanis: il-wirt lingwistiku u storiku li għaddielna**
Louise Vella tintervista lil Rosabelle Carabott

Tliet snin ilu, fl-2010, ħarġet il-pubblikazzjoni ddedikata lil Ġan Franġisk Agius de Soldanis *Essays on de Soldanis: Journal of Maltese Studies* (ed. Olvin Vella). Is-sena l-oħra, lejn tmiem l-2012, tnedew żewġ kotba oħra dwaru: il-ktieb *De Soldanis: An Eighteenth Century Intellectual* (ed. Godwin Vella u Olvin Vella) b'ġabra ta' kitbiet dwar aspetti differenti lkoll marbuta miegħu u ma' żmienu u *De Soldanis: L-Esploratur tal-Ilsien Malti* (Rosabelle Carabott), immirat għall-istudenti tas-sekondarja.

Biżżejjed tidħol fil-YouTube u tikteb "de Soldanis" biex tinduna kemm sar xogħol fuq dan il-lingwista, u kemm xogħol għadu għaddej fuq ħajtu u kitbietu. Biex nifhmu sewwasew min kien de Soldanis, u nitħajru




naqraw aktar dwaru, tkellimna ma' Rosabelle Carabott li ttraskriviet ix-xogħlijiet tiegħu u li dalwaqt se tippubblikahom.

*Rosabelle, kemm għandek żmien; x'inhu x-xogħol tiegħek u x'kien li wasslek biex tistudja l-Malti bħala s-suġġett ewlieni tiegħek?*

Għandi 24 sena u naħdem fi skola primarja bħala LSA. Il-Malti minn dejjem kien jogħġobni.

*X'kien li nebbħek tiskopri iktar dwar Agius de Soldanis? F'liema punt fl-istudji tiegħek ħassejt xi ħaġa tgħidlek biex tfittex iktar fuqu? Għaliex fuqu u mhux fuq ħaddieħor?*

Bdejt ninteressa ruħi fl-istorja tal-ilsien Malti waqt il-kors **Ix-Xhieda tal-Malti Miktub**. Fil-qari tiegħi fuq Vassalli kont insib għadd ta' referenzi negattivi għal de Soldanis. Xtaqt insir naf iktar fuqu għax bdejt niskopri li kellu valur kbir. Ibda biex, kien l-ewwel wieħed li ppubblika grammatika u l-ewwel wieħed li kiteb dizzjunarju ta' lsienna.

*X'tgħidilna dwar il-grammatiki u dwar id-Dizzjunarju?*

De Soldanis kien l-ewwel wieħed li fuq talba ta' xi kavallieri stampa grammatika ta' lsienna, Della Lingua Punica (Ruma, 1750). Din l-ewwel edizzjoni kienet marret tajjeb ħafna u qabad jaħdem fuq edizzjoni oħra mkabbra. Din it-tieni edizzjoni għadha manuskritta, allavolja hija interessanti għax fiha jagħti kampjuni tal-ilsien Malti: poeżiji, talb u djalogi. Din il-grammatika ttraskrivejtha u fi ħsiebni nippubblikaha.

Id-dizzjunarju huwa forsi l-aktar xogħol magħruf tiegħu, u bir-raġun! Barra tagħrif fuq kliem li ntilef maż-żmien u kliem ieħor li biddel it-tifsira tiegħu, huwa mżejjen b'tagħrif

etnografiku. Id-dizzjunarju għadu manuskritt u ttraskrivejtu flimkien ma' Joanne Trevisan. Bħalissa qed neditjah u l-ħsieb huwa li nippubblikawh fix-xhur li ġejjin.

*Skontok mnejn ġejja dil-mewġa ta' interess f'de Soldanis? X'hemm għaddej dwaru bħalissa?*

Għalkemm kienu saru xi studji minn żmien Cassar Pullicino, u kienu ppubblikati xi artikli fil-gazzetti u anki teżijiet, is-sena li għadha kif intemmet ħabtet it-300 anniversarju mit-twelid tiegħu. Id-Dipartiment tal-Malti tal-Università kien mistieden mill-Ministeru għal Għawdex biex jagħti sehmu flimkien ma' Heritage Malta u l-Bibljoteka Nazzjonali u bis-saħħa ta' nies ħabrieka bħal Olvin Vella, John Cremona u Godwin Vella organizzajna bosta attivitajiet. Attività fost l-aktar importanti kienet il-wirja li l-Ministeru tella' Għawdex u l-Belt. Il-katalgu tagħha, stampat bil-kulur, ġie inkluż fil-ktieb *De Soldanis: An Eighteenth century Intellectual* (pubblikazzjoni ta' Heritage Malta u Eko-Għawdex).

Fuq kollox, f'dan l-anniversarju ħarġu żewġ kotba. Wieħed minnhom fih ġabra ta' studji ġodda u interessanti li tefgħu dawl f'kull qasam li mess miegħu de Soldanis, ngħidu aħna l-lingwa, il-patrijottiżmu, l-arkeoloġija, l-ikel, Għawdex. Dan il-ktieb nedieh il-President ta' Malta f'serata sabiħa. Il-ktieb l-ieħor ktibtu jien għall-istudenti li qegħdin ir-raba' sena tas-sekondarja. Il-Ministeru qassmu b'xejn lill-istudenti kollha li ġew il-wirja: *De Soldanis: L-Esploratur tal-Ilsien Malti*.

Lejn tmiem is-sena, l-Akkademja tal-Malti stiednet lil Dr William Zammit jagħti taħdita l-Palazz tal-Inkwiżitur dwar sejba riċenti li għamel fuq de Soldanis u stajna napprezzaw l-interess li ġie ġġenerat fuq dan il-persunaġġ storiku.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-intervisti li saru ma' ħafna studjużi u li tellajniehom fuq il-You Tube. Barra l-intervisti, tellajna wkoll id-djalogi ta' de Soldanis li ttraskrivejt apposta.




Ftit ilu jien u Olvin Vella organizzajna taħdita għall-għalliema tas-sekondarja dwar de Soldanis u indikajnielhom kif jistgħu jużaw il-ktejjeb mal-istudenti tagħhom. Qassamnielhom ukoll cd b'xejn, li fuqha kien hemm għażla ta' intervisti fuq de Soldanis u wħud mid-djalogi moqrija.

*Titkellmu xejn bejnietkom dwar xi ssibu?*

Iva, hemm kollaborazzjoni bejnietna. Ġieli xi studjużi minn oqsma differenti talbuni nfittex x'jgħid de Soldanis fid-dizzjunarju b'rabta mal -istudji tagħhom u huma min-naħa tagħhom jgħarrfuni mill-ewwel bis-sejbiet tagħhom fuq de Soldanis. Hekk, David Agius Muscat waqt ir-riċerka tiegħu fuq Panzavecchia sab numru ta' qwiel miktuba minn de Soldanis u għarrafni bihom biex naħdimhom.

*Għal bosta minna, de Soldanis hu l-awtur tad-djalogi. Nafu bih għax, fi żmienna, id-djalogi tiegħu kienu għall-eżami tal-Malti fil-livell avvanzat. Illum qed naqraw ħafna iktar dwaru.*

*Qed toħroġ informazzjoni dwar il-personalità kolta tiegħu u dwar il-frustrazzjoni tiegħu li ma tantx kien isib ma' min seta' jgħaddi ftit tal-ħin jiddiskuti l-oqsma li kienu jinteressawh l-aktar; li mod wieħed kif jagħmilha naqra man-nies tal-livell tiegħu kien billi meta jkun jaf li ġejja xi persuna kolta Malta jew Għawdex, jistedinha toqgħod għandu. Imma lejn il-Maltin u l-Għawdxin ta' żmienu kif kien iħares?*




Kellu rispett lejn is-soċjetà raħlija barra dik pulita tant li jippreżentaha fid-djalogi u kien ukoll l-ewwel wieħed li ġabar il-qwiel. Saħansitra jasal biex jgħid li l-għana tan-nisa tal-kampanja tisboq lil tal -poeti. Fil-fatt, fit-tieni grammatika, bħala kampjun tal-ilsien Malti ttraskriva poeżija ta' wieħed Għawdxi. Ta' spiss fid-dizzjunarju, jgħid li xi prodott Malti jew Għawdxi jkun aħjar minn dak barrani. Ngħidu aħna, jgħid li n-nisa Maltin tant jaħdmu l-bizzilla b'mod perfett li ma jgħirux għall-Olandiżi.

Min-naħa l-oħra de Soldanis kien jinkedd ħafna li n-nies ta' madwaru kien jinteressahom biss mill-biedja u mill-kaċċa u ma japprezzawx il-kultura. Meta kien iħossu mhux mifhum ma kienx jibqa' lura mill-kritika tiegħu lejn art twelidu.

Il-Maltin u l-Għawdxin kien jirrispettahom. L-iktar mod ċar kif wera dan kien billi ddedika ħajtu jxandar is-sbuħija tal-ilsien li kienu jitkellmu bih, minflok iffoka fuq ħwejjeġ oħra u jikteb fuqhom bit-Taljan bħal ħaddieħor.

*X'joħroġ dwar ir-rabta, jekk teżisti, bejnu u bejn Vassalli?*

De Soldanis kien l-ewwel wieħed li esplora l-ilsien Malti u stinka biex ixandru barra minn Malta. Vassalli min-naħa l-oħra stabbilixxa regoli ċari għall-kitba bil-Malti u argumenta favur li l-Maltin kollha jitgħallmu jiktbu l-Malti fl-iskejjel u permezz tal-Malti jitgħallmu suġġetti oħra.

Il-linja ta' ħsieb tagħhom fuq nisel il-Malti kienet opposta. De Soldanis għall-bidu kien jaħseb li l-Malti huwa Għarbi mħallat ma' xi ilsna oħra, imbagħad biddel fehemtu u beda jsostni l-idea li l-Malti mnissel mill-Puniku. Vassalli min-naħa l-oħra għall-bidu kien jgħid li l-Malti ġej mill-Puniku, imma mbagħad lejn l-aħħar intebaħ li lsienna ġej mill-Għarbi.

It-tnejn li huma kienu tal-fehma li l -Malti safi kien dak mitkellem mir-raħlin u kienu kontra min iħallat il-Malti mat-Taljan. Mill-banda l-oħra ma jaqblux kif dan it-twemmin isarrfuh f'xogħlijiethom. Vassalli qagħad isaffi lsienna mill-element Rumanz. Aċċetta biss dak il-kliem Rumanz li integra mas-Semitiku. Fid-dizzjunarju, il-ftit kliem Rumanz li daħħal għamillu salib maġenbu biex donnu jindika li ma kellux ikun parti mil-lingwa. De Soldanis mhux talli jdaħħal il-kliem Rumanz kollu li ftakar huwa u jikkompila d-dizzjunarju, iżda talli jistqarr fid-daħla tad-dizzjunarju li kliem barrani hemm iktar milli n-nies kienu jaħsbu u li hu, meta għarfu, kixfu. Jagħmilha ċara li t-tħollija barra ta' xi kliem ma kinitx intenzjonata u jekk il-qarrej jaf b'xi kliem ieħor kellu jżidu ma' tiegħu ħalli x-xogħol ikun tassew komprensiv. De Soldanis kien jaqbel li meta jkollna bżonn nissellfu kelma minn lingwa barranija nagħmlu dan.




Rosabelle Carabott, li flimkien ma' Joanne Trevisan ittraskriviet id-dizzjunarju ta' de Soldanis u bħalissa qed teditjah. Qed taħdem ukoll fuq it-tieni grammatika ta' de Soldanis.

*Għandna evidenza li Vassalli kien qrah xogħol de Soldanis?*

Iva, Vassalli qara lil de Soldanis. Fid-dizzjunarju, Vassalli stqarr li wara li qara d-dizzjunarju ta' de Soldanis sab xi kliem li hu qatt ma semgħu. Uħud minnu kkonferma li kien jingħad billi żar Għawdex u kliem ieħor, għad li kien baqa' ma semgħux, niżżlu xorta fid-dizzjunarju tiegħu u niżżel li ħadu mingħand de Soldanis.

*Ma laħqux lil xulxin, imma hemm xebh fir-raġunijiet tagħhom għaliex għażlu li jistudjaw il-Malti ta' żmienhom?*

It-tnejn li huma għarfu l-valur ta' lsienna u wrew is-sogħba li kien ittraskurat minn kulħadd u għalhekk ħadmu biex jikkoltivawh. De Soldanis issieħeb fil-moviment li kien għaddej fi żmienu, dak li jagħti l-ħajja lil lingwi qodma. Huwa għalhekk li ppromwova l-idea li l-Malti ġej mill-Puniku. B'hekk ġibed l-attenzjoni ta' studjużi barranin fuq ilsienna u pprova jiżra' sens ta' kburija fost il-Maltin. Vassalli kien prattiku u għaraf li t-triq tal-progress tal-poplu tkun sħiħa bil-litteriżmu u s-sies tiegħu kellu jkun il-Malti.

Kollox ma' kollox, de Soldanis ħallielna mera tal-Malti tas-seklu tmintax, Vassalli tana l-għodda xjentifika biex dan l-ilsien niktbuh.

*Bħala karattru x'nistgħu ngħidu fuqhom? U għall-istess raġuni ppruvaw iġibu bidla politika f'pajjiżna?*

De Soldanis kien ibati mis-solitudni u biex jaħrabha kien jilqa' f'daru lil sħabu u studjużi u jedha jikteb u jaqra. Kien ukoll ambizzjuż. Vassalli kien konxju mill-potenzjal tiegħu, bniedem kuraġġuż, riskju jieħdu, iżda fl-istess ħin sensittiv.

Għalkemm it-tnejn kienu tal-fehma li l-Maltin kellhom jingħataw leħen fit-tmexxija ta'

pajjiżhom (Pinto akkuża lil de Soldanis li kien jaqbel ma' treġija repubblikana!), kemm de Soldanis u kemm Vassalli ħassewhom maqtugħin mill-bqija tal-Maltin. Il-weġgħa ta' de Soldanis li ta' madwaru ma kinux juru interess fil-kultura, Vassalli esperjenzaha fi grad ogħla. Kif stqarr Vassalli stess, wara li ħadem għal Malta, il-Maltin irringrazzjawh billi qafluh f'ħabs.

De Soldanis ipprova jaqbeż għad-drittijiet tal-Maltin permezz tal-ktieb *Mustafa Baxà ta' Rodi* imma mbagħad naqsu l-kuraġġ li jerfa' r-responsabbiltà u ħareġ il-ktieb b'akkużi kontra t-tmexxija tal-Kavallieri f'isem ħaddieħor. Vassalli ħareġ għonqu għal Malta. Ma ddejjaqx jikteb memorjal lill-Ordni u wara r-rifjut tagħhom imexxi konfoffa kontrihom. Minħabba l-ideat politiċi tagħhom sofrew it-tnejn. Kawża tal-ktieb, de Soldanis tela' bħala akkużat quddiem il-Papa, kellu jitlob maħfra lill-Gran Mastru Pinto u l-Ordni baqgħet tħares lejh b'lenti negattiva. Vassalli kiel darbtejn il-ħabs u ġarrab l-eżilju.

Dawn iż-żewġ kittieba laqtithom l-istess xorti: de Soldanis u Vassalli damu s-snin il-kbar biex jiġu apprezzati. Ironikament it-tnejn li huma ma nafux sewwasew fejn huma midfunin u ma waslitilniex xbieha tagħhom.

Jekk jinteressak tisma' aktar dwar de Soldanis, nissuġġerulek tisma' dan il-programm onlajn:

Il-Konferenza organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università, Għarfien ġdid fuq Agius de Soldanis

http://campusfm.um.edu.mt/pages/webcastspages/oneoffs.html#altese

*Rosabelle Carabott iggradwat B.A. (Hons) Malti (2009) u P.G.C.E. (2011) fl-Università ta' Malta. Ippubblikat* De Soldanis: L-Esploratur tal-Ilsien Malti *(2012) għall-istudenti tas-Sekondarja. Kitbet u kienet koawtriċi ta' artikli f'*De Soldanis: An Eighteenth Century Intellectual

**Il-VTS tal-2012 u x'ħareġ minnha**

Alan Delia

Bħala fenomenu ħaj u dinamiku, kull lingwa tgħaddi minn żvilupp kontinwu. Normalment il-kelliema nattivi ma jintebħux b'dan l-iżvilupp minħabba li hu proċess sottili li jieħu fit-tul u l-fatt li wieħed ikun qed jgħixu, qajla jintebaħ bih. Aħna li naħdmu barra mill-pajjiż dan l-iżvilupp inkunu konxji sew li qed ninqatgħu minnu u bosta minna jippruvaw iżommu kuntatt ma' dak li jkun għaddej f'Malta permezz ta' mezzi differenti.

Il-mili ta' dan il-'vojt' hu wieħed mill-iskopijiet wara l-Iskema tat-Traduttur Viżitatur, eżerċizzju li jsir kull sena fejn grupp żgħir ta' tradutturi jintbagħtu f'numru ta' universitajiet kif ukoll istituzzjonijiet pubbliċi fi Stati Membri differenti. Skop wieħed ta' din l-iskema huwa li d-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni jagħmel ftit pubbliċità lix-xogħol li jagħmel u jinkoraġġixxi lill-istudenti jikkunsidraw li japplikaw għal postijiet relatati mat-traduzzjoni fl-UE. Min jagħżel li jmur f'istituzzjonijiet pubbliċi, il-benefiċċji li jista' jġib miegħu jinkludu wkoll l-iżvilupp ta' kuntatti u relazzjonijiet kif ukoll li jagħti pubbliċità lill-UE. Iż-żjara tiegħi fis-sajf li għadda taqa' fit-tieni kategorija.

L-istruzzjonijiet li ngħatajt kienu li nqatta' ġimagħtejn naħdem mal-*Justice Unit* u mad-Dipartiment tal-Informazzjoni fejn kelli nilħaq tliet objettivi ewlenin:

- nagħmel skambju ta' esperjenzi, ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi fil-qasam tat-traduzzjoni
- nistabbilixxi netwerk informali ta' esperti fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni f'diversi oqsma
- niġbor ftit rispons dwar il-kwalità tat-traduzzjonijiet tagħna u nidentifika xi oqsma fejn nistgħu naħdmu aħjar

**Il-Justice Unit**

Biex nilħaq dawn l-objettivi, ma stajtx niġi assenjat f'post aħjar mill-*Justice Unit*. L-unità hi prinċipalment magħmula minn tnejn minnies: Dr Vanni Bruno u Ms Marilù Gatt. Uffiċjalment l-avukat Vanni Bruno huwa l-kap tal-unità għalkemm jenfasizza l-punt li fl-Unità tiegħu m'hemmx post għal ġerarkija u l-implikazzjonijiet li din tista' ġġib magħha. Tkellimt ftit magħhom it-tnejn dwar l-istorja tal-unità u kif evolviet matul is-snin. Ma kienx faċli li nsibu ħin għal din id-diskursata li ma kenitx fil-programm. Minkejja li kien is-sajf, l-ammont ta' xogħol fil-JU kien feroċi bi skadenzi qosra ħafna.

"Konna bdejna bħala Translation and Law Drafting Unit", beda Dr Bruno hu u jħares minn fuq il-lenti tan-nuċċali u jipprova jiftakar il-kronoloġija eżatta tal-istorja tad-Dipartiment. Il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, Dr Micahel Refalo, kien ħatar lill-unità biex taġġorna l-liġijiet ta' Malta u tiddiġitizzahom fuq CD biex ikunu jistgħu jintbagħtu Brussell bħala parti mill-proċess tan-negozjati għas-sħubija fl-UE. Meta fl-1998 Dr Austin Gatt ingħata r-responsabbiltà mill-Ġustizzja, dan ried li l-leġiżlazzjoni u l-aġġornamenti kollha jkunu onlajn u din kienet l-ewwel darba li l-leġiżlazzjoni sussidjarja wkoll kienet qed tiġi rrappurtata sħiħa u aġġornata.

"Fl-istess żmien", kompla Dr Bruno, "konna għaddejjin bit-traduzzjoni tal-*acquis*" u stqarr li minkejja li kien hemm il-possibbiltà li r-referendum tas-sħubija seta' ma jgħaddix, l-eżerċizzju tat-traduzzjoni tal-*acquis*, xorta ma kienx se jkun sar għalxejn għax kien iservi ta' mudell "biex inkunu nistgħu naġġornaw il-liġijiet tagħna għaż-żminijiet moderni." Dr Bruno kellimni dwar kif kien qasam id-Dipartiment biex parti minnu tkun iddedikata esklużivament għat-traduzzjoni tal-140,000 paġna tal-*acquis*, dwar l-għażla tat-tradutturi u l-gradazzjoni tagħhom permezz ta' eżami, u dwar kif bdew jagħmlu r-reviżjonijiet hu stess u Ms Gatt. "Lestejna fl-2005, wara l-lingwi l-oħra. Imma l-lingwi l-oħra bdew fl-1994; aħna bdejna fis-sena 2000."

Dr Bruno jaqleb għaż-żmien aktar reċenti meta l-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja, issa Dr Tonio Borg, "bidilna f'*Justice Unit* u bdejna nagħmlu x-xogħol ta' 'passatur' ta' kull liġi - minbarra li nagħtuha libsa legali, nagħmlu wkoll il-valutazzjoni tal-impatt tagħha *vis-a-vis* il-leġiżlazzjoni relatata eżistenti." "Meta dħalna fl-UE, bdew jaslu d-direttivi u ridna mhux biss nittrasponuhom imma wkoll nittraduċuhom għall-Malti. Kien ġie deċiż li nemendaw il-liġi prinċipali bil-Malti, imma wkoll li r-regolamenti setgħu joħorġu bl-Ingliż biss. Hekk ġara fil-*Product Safety Act* u fil-*Plant Protection Act*. Dan jgħodd ukoll għal ċerti skedi ta' ċerti regolamenti."




Il-filosofija li tmexxih fit-traduzzjoni hi li jżomm f'moħħu li l-prodott finali se jkun liġi Maltija, għalkemm minħabba raġunijiet legali, jipprova jżomm l-istess struttura, inkluż in-numru ta' sentenzi tal-oriġinal. "Kull paragrafu bl-Ingliż nissegmentah u minnu nittraduċi għal Malti." Imbagħad itemm id-diskursata tagħna b'kumpliment: "Dan l-aħħar ftit ta' żmien kien hemm progress kbir fit-traduzzjonijiet li jaslu mingħandkom. Dak li nirranġaw hu fejn naraw li ma jkunx eżatt konformi mat-tradizzjoni legali f'Malta."



Dr Vanni Bruno u Ms Marilù Gatt

L-intervista ma' Dr Bruno ntemmet hawn imma xogħli kien għadu se jibda. Ingħatajt abbozz ta' liġi, bil-Malti u bl-Ingliż, u flimkien ma' żewġ studenti tal-liġi, li qattgħu s-sajf jaħdmu mal-unità, dornieha għall-iżbalji, l-inkonsistenzi u ridna niżguraw li l-kontenut ta' waħda jkun irrappreżentat lealment fl-oħra. Innutajt li s-software li jużaw għat-traduzzjonijiet hu limitat ħafna – jużaw biss l-MS Word. Allura għamilt preżentazzjoni dwar l-għodod li nużaw fix-xogħol tagħna, b'enfasi partikolari fuq il-IATE. Qajla kienu semgħu bih u fil-ftit ħin li għamlu użawh, sabuh ferm utli.

**L-Affarijiet Rurali, il-Finanzi, it-Tassazzjoni u t-Trasport**

Użajt il-kuntatti li għamilt fil-JU biex insir naf uħud mill-persuni fil-Ministeri jew fid-Dipartimenti u l-aġenziji tal-Gvern li jagħmlu xogħol relatat mat-traduzzjoni. Irnexxieli nagħmel kuntatt ma' sitt persuni li jaħdmu f'erba' oqsma differenti. Meta wieħed iqis il-ħin limitat li kelli u l-fatt li f'Awwissu ħafna nies ikunu bil-vaganzi, kont sodisfatt b'dan in-numru. Kelli laqgħa mar-rappreżentant legali tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Dr Maria Criminale li wriet interess u disponibbiltà kbira li tkun parti minn netwerk fejn inkunu nistgħu ngħinu lil xulxin fi kwistjonijiet relatati mat-terminoloġija f'dal-qasam li fih tant għandna bżonn għajnuna.

Iltqajt ukoll ma' tliet uffiċjali li jaħdmu fil-qasam tal-finanzi u t-tassazzjoni: id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-VAT u l-Kummissarju tal-VAT is-sur Charles Vella, is-sur Frank Borg mill-Uffiċċju Legali tal-istess Dipartiment u d-Direttur Tekniku tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, is-sur Randolph Aquilina. Kellna diskussjoni fejn tajt deskrizzjoni ġenerali dwar il-mod kif aħna nagħmlu r-riċerka tagħna dwar it-termini li nużaw u ppruvajna niżviluppaw pjan ta' kif inkunu nistgħu ngħinu lil xulxin b'mod informali anke bl-involviment tat-tim tat-terminoloġija tad-Dipartiment tagħna.

Iltqajt ukoll mal-konsulent tal-Ministeru tal-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni, is-sur Carmel Callus, fejn spjegajtlu dak li konna qed nippruvaw nagħmlu. Hu offra wkoll li jaqsam il-kompetenza tiegħu magħna fis-settur li hu speċjalizzat fih u offra wkoll li jekk ikun hemm il-ħtieġa fil-futur jindirizza seminars għat-tradutturi f'dan il-qasam.

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Sibt ukoll il-ħin biex niltaqa' ma' rappreżentanti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Ħassejt li jkun f'loku li niltaqa' ftit magħhom, mhux biss bħala kortesija imma wkoll biex ikunu jafu x'kont qed nipprova nikseb permezz tal-VTS. Kienet laqgħa utli ħafna għal żewġ raġunijiet:

Id-Dipartiment tagħna kien ilu jipprova jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Istudji tat -Traduzzjoni u l-Interpretar tal-Università ta' Malta. Kull sena minn dan id-Dipartiment jiggradwaw numru ta' studenti li jipproduċu teżijiet li wħud minnhom jinkludu glossarji f'oqsma ta' natura teknika u xjentifika.

Għalina xogħol bħal dan jiswa mitqlu deheb imma għal xi raġuni jew oħra qatt ma rnexxielna naslu għal ftehim mal-Università dwar kif nistgħu nagħmlu dan. Il-Kunsill tal-Malti kien strumentali biex issir laqgħa mal-Kap tad-Dipartiment, il-Prof. Eynaud, li fiha ġie diskuss b'liema mod id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni jista' jibbenefika mix-xogħol tal-istudenti tal-Università. Ilħaqna ftehim li nagħtuh il-lista tat-teżijiet li aħna interessati fihom u hu jieħu ħsieb jikkuntattja lill-istudenti biex jara jkunux lesti li jgħaddulna kopja elettronika tal-glossarji inklużi fihom. Ippreżentali wkoll il-pubblikazzjoni *Translation Studies: An Anglo-Maltese Scenario Of Reproductive Health* li tinkludi fost l-oħrajn glossarju ġmielu ta' termini marbuta mal-qasam tas-saħħa.




It-tieni kisba li saret bis-saħħa tal-Kunsill kienet laqgħa mas-sur Edward Gilson, Uffiċjal tal-Edukazzjoni fil-qasam tal-Ġeografija. Is-sur Gilson, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Malti kien qed jaħdem fuq pubblikazzjoni li tinkludi lista estensiva ta' termini ġeografiċi. Dan kien qed jagħmlu fid-dawl tal-fatt li l-karti tal-eżamijiet tal-ġeografija fl-iskejjel tal-Istat se jibdew ikunu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Is-sur Gilson ippreżentali kopja elettronika tal-pubblikazzjoni tiegħu li għalkemm kienet għadha mhix iffinalizzata, xorta hi sors relevanti ta' informazzjoni. Min-naħa tiegħi, iffamiljarizzajt lis-sur Gilson mal-IATE u ppreżentajtlu estrazzjoni dwar termini marbuta mal-ġeodejta u l-klima.

**Id-Dipartiment tal-Informazzjoni**

In-natura tax-xogħol li kelli qabel ma ġejt naħdem mal-Kummissjoni Ewropea kienet tpoġġini f'kuntatt dirett u kontinwu mad-Dipartiment tal-Informazzjoni. Allura meta rfist l-għatba ta' barra tal-Uffiċċju li jinsab ħdejn il-Barrakka ta' Fuq, ħassejtni dieħel f'territorju familjari. Laqagħni l-Uffiċjal Prinċipali tal-Informazzjoni, Noel Borg li dawwarni mad-diversi taqsimiet tad-Dipartiment. Hu fisser li x-xogħol tat-traduzzjoni mhuwiex wieħed mill-kompiti prinċipali tad-DOI, apparti mit-taqsima responsabbli mill-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern.

Peress li l-Gazzetta hi bilingwi, it-tim involut f'din il-pubblikazzjoni ta' spiss jintalab jagħmel traduzzjonijiet ta' avviżi, artikli u testi oħra. Hawn ukoll, ħassejt li jkun f'loku li nagħmel preżentazzjoni fuq l-istess linja li għamilt fil-JU. Ir-reazzjoni tan-nies huma u jsiru jafu dwar ix-xogħol tagħna u l-għodod li nużaw biex nagħmluh iġġiegħlek tirrealizza kemm jeżisti għatx għall-informazzjoni f'kamp li f'Malta għadu fl-infanzja tiegħu imma qed ikollu jikber bil-ħeffa.

Dawn il-ġimagħtejn ħassejt li kienu produttivi ħafna aktar milli qatt kont antiċipajt. Madankollu, għad baqa' xi jsir biex naslu fejn irridu, jiġifieri li nibnu netwerk formali ta' esperti f'oqsma speċjalizzati. Il-bini ta' netwerk bħal dan ikun ta' benefiċċju reċiproku għax nemmnu li d-Dipartiment tal-Malti, f'dawn l-aħħar snin, żviluppa huwa wkoll struttura serja, partikolarment fil-kamp tat-terminoloġija, li tista' u qed tagħti kontribut siewi.

*Alan Delia huwa traduttur mad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

## It-traduzzjoni awtomatika - għajnuna jew tfixkil?

Carmen Carabott

"Illum wasalli dokument għar-reviżjoni u kien kollu żbalji. Min għamlu uża l-*machine translation* u aħjar qbadt u għamiltu jien għax kont nieħu inqas ħin!" Din hija reazzjoni li ltqajt magħha diversi drabi hekk kif ġiet introdotta għall-ewwel darba t-traduzzjoni awtomatika f'xogħolna u bdiet tiġi promossa din l-għodda fil-memorji tat-traduzzjonijiet tagħna. Sfortunatament, fl-entużjażmu tagħna biex nibdew nużaw għodda ġdida li tista' tgħinna niffrankaw il-ħin u nżidu l-produzzjoni tagħna biex, fost oħrajn, ikollna aktar ħin x'niddedikaw għal proġetti oħra, sibna li wħud minna bdew jikkompromettu l-kwalità tat-traduzzjoni tagħhom. Dan seħħ minħabba diversi raġunijiet, fosthom:

1. nuqqas ta' għarfien ċar dwar il-fatt li t-traduzzjoni awtomatika hija biss għodda li għandna nużaw bir-reqqa u li, finalment, għandha n-nuqqasijiet tagħha speċjalment f'dan l-istadju tal-bidu tagħha;
2. nuqqas ta' prattika fit-tħaddim ta' din l-għodda biex nagħrfu l-aktar żbalji komuni li huma l-punti dgħajfa ta' din l-għodda fir-rigward tal-lingwa Maltija.

Maż-żmien, kemm minħabba komunikazzjoni kontinwa kif ukoll konsegwenza ta' diversi sessjonijiet ta' taħriġ, il-kwalità tat-traduzzjonijiet megħjuna mit-traduzzjoni awtomatika li qed jaslu għand ir-reviżuri tjiebet u jidher li qed isir użu ħafna aħjar ta' din l-għodda, flimkien mal-għodod l-oħra li mdorrijin nużaw fix-xogħol tagħna. Il-prattika qed twassalna wkoll biex nidentifikaw iktar malajr l-iżbalji komuni ġġenerati mit-traduzzjoni awtomatika u b'hekk qed ikollna suċċess akbar fil-korrezzjoni tagħhom. Minn stħarriġ fost it-tradutturi Maltin jidher li l-iżbalji l-aktar komuni huma dawn li ġejjin:




Screenshot tat-Traduzzjoni Awtomatika fl-azzjoni

- **L-apostrofu**

Żball komuni u ripetut huwa l-pożizzjoni tal-**apostrofu**.

*b 'veloċità għolja , b' 57% tal-unitajiet domestiċi, ma 'infrastrutturi, fi 'industrija, f' dan l-indirizz*

- **Il-prepożizzjoni ta' u kliem ieħor marbut mar-regoli l-ġodda tal-Malti**

Tista' tgħid li l-prepożizzjoni **ta'** nsibuha f'kull sentenza jew frażi bil-Malti. U magħha jitilgħu diversi żbalji, kemm minħabba l-problema tal-apostrofu kif ukoll konsegwenza tar-regoli l-ġodda peress li t-traduzzjoni awtomatika tieħu wkoll minn dokumenti li ġew tradotti qabel ma daħlu fis-seħħ ir-regoli l-ġodda tal-kitba tal-Malti. Fost l-iżbalji marbuta ma' din il-prepożizzjoni nsibu:

*ta 'azzjonijiet, ta' l-ispektrum , ta'l-Internet, ta'sħubiji privati-pubbliċi*

Ir-regoli l-ġodda laqtu wkoll diversi kelmiet li qabel kienu jinkitbu mod u issa qed jinkitbu mod ieħor. Fost dawn insibu:

*skond, Awissu, m'huwiex, m'hijiex, l-ewwelnett, it-tieninett, l-aħħarnett, dettal, ma' l-pajjiżi kandidati*

- **L-artiklu fil-bidu tas-sentenza jew wara l-punteġġatura**

Ħafna drabi t-traduzzjoni awtomatika ma tikkalkulax il-fatt li l-artiklu jkun qiegħed fil-bidu tas-sentenza, jew li jkun qiegħed wara punteġġatura (bħall-virgola) u allura twaqqa' l-vokali tal-leħen meta ma jkunx hemm bżonn. B'hekk insibu:

*...nieħdu ħsieb l-ekonomija. N-nuqqas ta' ftehim....*

*....igawdu l-impjiegi, n-negozji u l-fabbriki.*

- **Il-verb man-nom – maskil/femminil, singular/plural**

Peress li t-traduzzjoni awtomatika ma tittraduċix il-frażi/is-sentenza bħala ħaġa waħda iżda taqsamha fi gruppi ta' kliem, ħafna drabi il-verb mogħti ma jkollu ebda relazzjoni mas-suġġett tal-frażi/sentenza. Il-possibbiltà ta' żball tikber aktar meta l-verb ikun imbiegħed fiżikament mis-suġġett. Għalhekk insibu żbalji bħal dawn:

*Il-Kummissjoni, fir-Regolament xxx, iddeċidew li....*

*Il-kummerċ elettroniku, notevolment bejn il-fruntieri, għandha tissaħħaħ billi...*

*Id-drittijiet tal-awtur huma mezzi universali li jippremja l-ħolqien...*

- **L-aġġettiv man-nom – maskil/ femminil, singular/plural, is-sintassi**

L-iżbalji fir-rigward tal-aġġettiv man-nom huma inqas frekwenti minn dawk konnessi mal -verb minħabba l-approssimazzjoni tal-aġġettiv man-nom u għalhekk ħafna drabi jinqabdu mal -istess grupp ta' kliem fit-traduzzjoni awtomatika. Minkejja dan xorta jkun hemm żbalji ta' dan it-tip:

*Azzjoni trasformattiv ewlenin*

F'dan il-kuntest, huwa aktar frekwenti l-iżball marbut mal-pożizzjoni tal-aġġettiv b'relazzjoni man-nom minħabba d-differenzi strutturali li jeżistu bejn l-Ingliż u l-Malti.

*Develop and implement public digital service infrastructures...*

*Jiżviluppaw u jimplimentaw pubbliku tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali...*

- **Nuqqas ta' konsistenza fit-terminoloġija u nuqqas ta' allinjament mal-IATE**

Peress li t-traduzzjoni awtomatika tieħu minn firxa wiesgħa ħafna ta' dokumenti, ma żżomm ebda konsistenza jew rabta ma' dak li ntuża fl-istess dokument. Għalhekk hemm ir-riskju ta' nuqqas ta' konsistenza fit-terminoloġija użata speċjalment meta jkun dokument kbir fuq żmien twil li ħafna drabi t-traduttur jibdieh u jitilqu minn idejh diversi drabi biex jieħu ħsieb xogħol ieħor aktar urġenti.

In-nuqqas ta' konsistenza, speċjalment f'dawn il-każijiet, huwa riskju kontinwu iżda l-użu tat-traduzzjoni awtomatika jista' jżid il-grad tar-riskju. Ma' dan jiżdied il-fatt li tista' titla' terminoloġija li ma għadhiex tintuża u li, minkejja li jkunu ttieħdu deċiżjonijiet interni favur xi terminu partikolari, dan jitla' fit-traduzzjoni awtomatika u jista' jħawwad l-imħuħ. Dejjem għandna nivverifikaw mal-IATE u mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar termini importanti.

- **Kreattività fil-lingwa**

In-natura tat-traduzzjoni awtomatika hija waħda mekkanizzata u għalhekk wieħed ma

jistax jistenna li l-kreattività tkun waħda mill-benefiċċji ewlenin tagħha. Ħafna tradutturi rrimarkaw li jħossu li t-traduzzjoni awtomatika tikkundizzjunahom b'mod li jibdew jittraduċu b'mod aktar stakkat u ħafna inqas mexxej. Min-naħa l-oħra xi tradutturi rrimarkaw li xi drabi t-traduzzjoni awtomatika offritilhom xi frażijiet interessanti li ma kinux ġew f'moħħhom għal dik l-espressjoni partikolari mill-Ingliż għall-Malti. Sabiex wieħed ma jaqax fin-nasba li jikteb b'Malti mhux mexxej, xi tradutturi jissuġġerixxu li, meta jippermetti l-ħin, wieħed jaqra d-dokument bil-Malti biss biex jevalwa l-grad tal-qari bil-Malti tad-dokument kif ukoll il-livell ta' fehim tal-Malti miktub.

## Konklużjoni

Minkejja l-iżbalji komuni indikati, ir-reazzjonijiet dwar ir-riżultat li tagħti t-traduzzjoni awtomatika fil-Malti huma pjuttost pożittivi meta din l-għodda hija użata kif xieraq u mogħtija l-attenzjoni dovuta. Ħafna tradutturi diġà kkummentaw dwar il-fatt li r-riżultati mogħtija tjiebu filwaqt li huwa mistenni aktar titjib hekk kif jiġu operattivi s-servers il-ġodda fejn il-programmaturi ħadu ħsieb xi żbalji indikati minna li għandhom jiffaċilitawlna xogħolna.

Minkejja dan, it-traduzzjoni awtomatika qatt ma tista' tieħu post it-traduttur uman għal dokumenti bħal tagħna li jirrikjedu, fuq kollox, il-preċiżjoni u l-kwalità assoluta. Il-kwalità tat-traduzzjoni tibqa' r-responsabbiltà tat-traduttur u t-tort ta' dokument mimli żbalji qatt ma jista' jintefa' fuq l-użu tat-traduzzjoni awtomatika. Huwa t-traduttur li għandu jagħraf juża din l-għodda, flimkien mas-sett ta' għodod oħra disponibbli għalih, sabiex joħroġ l-aqwa prodott possibbli bil-lingwa Maltija.

*Carmen Carabott hija traduttriċi mad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

## *Dwar l-Arti tal-Poeżija*: Aristotli bil-Malti

Elaine Falzon




*Dwar l-Arti tal-Poeżija*, kitba tradizzjonalment magħrufa bħala *Il-Poetika*, hija l-ewwel traduzzjoni mill-Grieg li ġiet ippubblikata bil-Malti tax-xogħol magħruf ta' Aristotli u għalhekk hija minnha nnifisha avveniment ferm importanti fl-istorja tal-letteratura Maltija.

L-imħabba li t-traduttur ta' dan ix-xogħol Carmel Serracino rawwem mas-snin għall-istudji klassiċi, maż-żmien influwenzat il-ħajja u l-istudji tiegħu. Dan l-interess nibet mill-films mitoloġiċi u ssokta jissaħħaħ bl-istudji tiegħu. Fl-Università ta' Malta Serracino studja l-Kultura u ċ-Ċiviltà Klassika flimkien mal-Grieg u l-Latin u ilu sa mill-1997 jgħallem fid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija.

Kien f'dan il-kuntest li Serracino daħal għal din il-biċċa xogħol innovattiva u fl-1998 ippreżenta t-traduzzjoni ta' *Dwar l-Arti tal-Poeżija* ta' Aristotli bħala t-teżi tal-Masters tiegħu. Fl-2012 irreveda din it-traduzzjoni biex tkun tista' tiġi ppubblikata. Għadma iebsa u għażla kuraġġuża li tesplora xogħol ferm prestiġġjuż li influwenza bil-kbir il-kritika letterarja.

*Dwar l-Arti tal-Poeżija* nkiteb fis-sena 335 Q.K. u huwa l-aktar xogħol bikri li nafu bih s'issa li jittratta temi bħat-teorija tad-drama u t-teorija letterarja, fost oħrajn. Dwar dan Serracino jgħid:

*"Huwa evidenti li ż-żmien li fih inkiteb huwa fost waħda mill-isfidi prinċipali ta' test bħal dan. Minbarra hekk, dan huwa test proverbjalment diffiċli, minħabba l-fatt li huwa miktub fuq stil ta' noti, bħall-kotba l-oħra*

*kollha eżistenti ta' Aristotli li l-filosofu kien juża għal-lezzjonijiet tiegħu stess. Minħabba dan, kunċetti importanti u li ngħataw ħafna attenzjoni minn teoristi letterarji matul is-sekli (bħal 'katarsis' jew 'ħamartija') mhumiex elaborati daqs kemm wieħed jixtieq. Wieħed irid jimla dan il-vojt b'referenza għal kotba u studji oħra dwar il-filosfu."*

**It-traduzzjoni ta' xogħol bil-Grieg klassiku: sfida megħluba?**

Nifhmu għalhekk li t-test oriġinali ġab miegħu bosta diffikultajiet u l-proċess ta' negozjar ta' termini kien inevitabbli. Fi kliem Serracino: *Xi drabi kelli nissagrifika l-espressjoni naturali u attwali tagħna biex kemm jista' jkun it-traduzzjoni tkun qrib ħafna tal-oriġinal bil-Grieg. It-traduzzjoni ma tippruvax ittejjeb l-istil ta' Aristotli iżda, kemm jista' jkun tipprova tirriproduċih b'mod konvinċenti fl-ilsien Malti. Dan mhuwiex Platun, poeta fil-proża iżda Aristotli, ġenju b'aġenda sħiħa u b'interessi profondi u wiesgħa. Il-kitba li baqgħalna tiegħu hija kitba ta' noti, kitba mhux mirquma, kważi primittiva iżda li minnha ħarġu kunċetti ferm importanti.*

Minkejja dan Serracino pprova kemm jista' jkun iressaq it-test qrib tal-qarrej Malti. F'dan il-każ partikolari huwa għeleb din id-dilemma rikorrenti tat-traduzzjoni billi żied kummentarju *ad locum* li permezz tiegħu seta' jispjega aħjar it-test u b'hekk jilħaq ukoll l-għanijiet didattiċi tiegħu.

Il-proċess biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa għal ċerti termini kruċjali kien jirrikjedi ħafna riċerka. Hawnhekk nistgħu nsemmu l-**'katarsis'** traġika, u li minn dejjem ħolqot diffikultajiet kbar biex tiġi tradotta minħabba li, fil-verità, Aristotli jsemmi dan it-terminu darba biss fix-xogħol tiegħu. Iżda hija kelma sinifikanti għall-aħħar għax hija parti mid-definizzjoni li Aristotli jagħti ta' traġedja, u għalhekk kemm hu diffiċli li wieħed isib kelma li tiġġustifika l-misteru tagħha. *"Il-kelma li nuża jien fit-traduzzjoni hija 'tindifa', imma fin -noti nirreferi għaliha bil-forma traslitterata 'katarsis'. Għalina, wara sekli sħaħ ta' użu minn studjużi u teoristi, saret kelma kważi teknika, iżda x'aktarx li għal Aristotli ma kinitx kelma teknika iżda kelma li tfisser appuntu 'tindifa'. Il-kelma 'katarsis' ġejja minn verb li jfisser naddaf jew saffa, verb li kien użat biex ifisser ukoll 'tnaddaf id-dar' jew 'tiknes'. Il-griegi Moderni jużaw verb li ġej mill-istess verb antik, jgħidu καθαρίζω 'katarizo' biex ifissru 'tnaddaf'."*

Ir-reqqa u d-dettalji li jagħmlu dan ix-xogħol wieħed għani u ġenwin huma xhieda ta' ħidma ġenwina u li nibtet minn passjoni awtentika għal dak kollu li huwa marbut mal-lingwi klassiċi u dik Maltija: *"Din it-traduzzjoni hija biss parti minn vjaġġ li xogħol Aristotli ilu jagħmel għal sekli sħaħ u li għadu jagħmel sal-lum. Permezz ta' dan ix-xogħol, il-lingwa Maltija issa saret ukoll parti minn din l-istorja kbira u importanti fl-Istorja tal-letteratura klassika, il-kritika letterarja u t-teatru."*

*Elaine Falzon hija traduttriċi mad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

[http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines](http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines)

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri****: Alessandro Mangion, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Editur tal-istil****: Lorna Saliba*

***Distribuzzjoni****: Maryann Agius*

***Impaġnar****: Chris Galea u Alan Delia*

***Qari tal-provi****: Mark A. Vella, Angela Debono, Jennifer De Barro*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*